IT-TIELET KTIEB — SETTEMBRU
IT-TMIENJA U TLETIN SENA — 1962

# IL-MALTI

## QARI

LI TOHROG

*IL-GHAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

KULL TLIET XHUR

KITBA U KITTIEBA F'DAN IL-GHADD

Editorial — Sussidji għall-Pubblikazzjonijiet Letterarji ... faċċ. 65

K. Vassallo — *Lil Dun Mikiel Xerri* ... ... ... ... ... ,, 67

Ġużè Galea, M.B.E., M.D., D.P.H., F.R.S.H. — Il-Patrijottiżmu ta' Dun Mikiel Xerri ... ... ... ... ... ,, 71

A. Cremona, D.Lit. — Il-Mewt tal-Professur Patri Anastasju Cuschieri, Ph.D., D.D., O.C. ... ... ... ... ,, 79

Anthony Piscopo — Ġew Sabbruni ... ... ... ... ,, 82

A. Cremona, D.Lit. — Blackie ... ... ... ... ... ,, 84

Louis Azzopardi — Ġrajjet Trojja ... ... ... ... ,, 92

A. Cremona, D.Lit. — Lill-Arloġġ ... ... ... ... ,, 97

Reċensjonijiet ... ... ... ... ... ... ... ,, 98

Lista tal-Membri tal-Għaqda ... ... ... ... ... ,, 99

DIRETTUR: Prof. Gużè Galea, M.B.E., M.D., D.P.H., F.R.S.H.,
29, Sur Santa Barbara, Valletta.
ASSISTENT DIRETTUR: A. Cremona, D.Lit.,
53, Triq Wara Sant'Ubaldeska, Paula.

---

Ħlas 4s. fis-sena. Ktieb wieħed 1s.
Il-ħlas tar-Rivista jinbagħat lil:
Victor Apap, 22, Triq It-Torri,
Tas-Sliema.

# IL-MALTI

QARI LI TOĦROĠ IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI

SETTEMBRU 1962

# SUSSIDJI GĦALL-PUBBLIKAZZJONIJIET LETTERARJI

*HAWN Malta ssib ħafna li jistennew għajnuna mill-Gvern f'kollox; huma jippretendu ħlas jew kumpens ieħor, ta' kull ħaġa li jagħmlu tajba ħafna jew tajba ftit u għalhekk dejjem igergru li l-Gvern mhux qiegħed jagħmel biżżejjed għalihom. Nies bħal dawn ma jistgħux jifhmu li l-ħlas ta' dak li jagħmlu mhux mill-Gvern għandu jiġi, iżda mill-fejda jew mis-siwi intrinsiku tax-xogħol. Jekk biċċa xogħol toħroġ tajba jew isseħħ aqwa minn oħrajn bħalha, hi biżżejjed biex tikseb lill-awtur tagħha l-ħlas li jistħoqqilha għax meta l-poplu jinduna bil-valur ta' biċċa xogħol ġdida, jinġibed lejha u jħallas biex jakkwistaha. Min-naħa l-oħra jekk biċċa xogħol toħroġ ordinarja jew bla ħajr jew ma fiha xejn x'jaqlagħha minn oħrajn ta' l-istess għamla, allura l-ebda sussidju lil min jagħmilha ma jista' jagħtiha sura sabiħa jew fejda siewja.*

*Dan li qegħdin ngħidu jgħodd għall-arti u s-snajja' kollha, imma lilna bħala Għaqda letterarja, tolqotna l-aktar il-ħidma letterarja. Bħalma kulħadd jaf, il-Gvern jipprovdi s-somma ta' mitt lira fis-sena bħala sussidju għal pubblikazzjonijiet letterarji bil-Malti. L-ewwel ħaġa li għandna nifhmu hi li din is-somma ma hix hemm biex tħallas lill-awtur għax-xogħol letterarju li jikteb jew biex tkoprilu l-ispejjeż tal-istampa tal-ktieb li jippubblika, l-ewwelnett għax l-ebda somma, tkun kbira kemm tkun, ma hi biżżejjed biex tħallas għat-teżor li jingħata lid-dinja meta awtur joħroġ opra ta' siwi letterarju, u t-tieninett għax is-somma li joħroġ il-Gvern ma hix biżżejjed biex tkopri l-ispejjeż tal-istampa li l-lum kibru ħafna. Ikun bniedem egoist jew preżuntuż dak li jippretendi li għandu jieħu s-somma kollha, jew biċċa sewwa minnha, bħala kumpens ta' xi ktieb li joħroġ.*

*Il-Gvern ħatar kumitat biex iqassam kif jidhirlu hu s-somma li hemm maħruġa għax-xogħlijiet letterarji. Dawk il-Membri tal-kumitat huma kollha rġiel bil-għaqal, ta' kultura, magħrufin għall-ħidma letterarja tagħhom u għandhom esperjenza fil-*

*pubblikazzjonijiet tal-kotba. Meta kittieb jibgħat kopja tal-ktieb tiegħu lill-kumitat, il-Membri jaqraw u jistħarrġu bir-reqqa dak il-ktieb, iqisu u jiżnu s-siwi tiegħu bħala opra letterarja u wara li jitkellmu flimkien u jfissru l-fehma tagħhom, jiddeċidu jekk il-ktieb jilħaqx jew le l-istandard; jekk jilħaq, huma jirrikkmandawh għall-għoti ta' sussidju li mhux ħlief rikonoxximent jew ċertifikat li l-ktieb hu tajjeb.*

*Il-prinċipju li jimxu fuqu l-Membri tal-kumitat hu li jqassmu sussidji mhux bħala ħlas tax-xogħol letterarju, iżda bħala wirja jew rahan li dak ix-xogħol għandu siwi u fejda tiegħu u jilħaq livell għoli. Biex ngħidu hekk, aktar għandha valur l-ittra li fiha l-kumitat igħarraf b'xi kumpens lill-awtur bil-għotja tas-sussidju mis-sussidju stess, għax l-ittra tibqa' bħala dokument uffiċjali li l-ktieb kien mistħarreġ minn kumitat serju u mgħoddi bħala biċċa xogħol li tistħoqq premju.*

*Jekk inħarsu lejn is-sussidji li jingħataw għall-opri letterarji minn din in-naħa, naraw li dik is-somma għalkemm żgħira hi mezz ta' rikonoxximent uffiċjali ta' l-opri letterarji u kull min jakkwista sussidju jkun kiseb xhieda mill-Gvern li l-ktieb tiegħu hu ta' valur letterarju. Sa fejn nafu aħna ma hawnx Gvernijiet li joħorġu kull sena somom kbar bħala premju għal xogħlijiet letterarji. Il-premijiet kbar bħal "Premju Nobel" jew il-"Premju Foemina", huma fondazzjonijiet privati mħollijin minn persuni jew għaqdiet li jixtiequ jħeġġu u jagħmlu ħila lill-kittieba. Jisgħobbina ngħidu li f'pajjiżna huma neqsin ħafna nies jew għaqdiet ġenerużi bħal dawk. Hawn kulħadd igemgem u jmaqdar iżda ħadd ma jmidd idejh biex igħin, l-aktar fl-iżvilupp letterarju ta' l-ilsien tagħna.*

*Ma għandniex xi ngħidu, kieku s-somma li joħroġ il-Gvern kienet akbar kien ikun wisq u wisq aħjar u ta' sodisfazzjon akbar lill-awturi, imma dawn jeħtieġ jifhmuha li s-sussidju mhux qiegħed hemm bħala ħlas għall-ħidma tagħhom jew għall-ispejjeż ta' l-istampa u taħt l-ebda raġuni ma għandhom iqisuh bħala qligħ ta' flus għalihom. Għalhekk huwa dmir ta' l-awturi Maltin li jsaħħu u jgħożżu dak is-sussidju kemm jistgħu u mhux imaqdruh jew idannuh għax jekk il-Gvern jaħseb li l-kittieba mhumiex kuntenti bis-sussidju, għandu mnejn ineħħih u allura nitilfu dak ir-rikonoxximent uffiċjali ta' l-opri letterarji Maltin li għandna l-lum u l-kittieba mhux biss ma jkollhomx gwadann, imma tispiċċalhom dik it-turija ta' fejda jew ċertifikat li jistgħu jiksbu l-lum.*

# LIL DUN MIKIEL XERRI

*Ta'* K. Vassallo

Dun Karm, l-aqwa poeta ta' dil-Gżira,
qassis Żebbuġi bħalek
u bħal sieħbek Saver—wieħed mid-'Disgħa
tal-Għaqda' mal-Franċiżi,
u mbagħ'd Isqof ta' Malta
taħt il-ħarsien u s-sedqa
ta' ħbiebu l-ġodda, il-maħbubin Ingliżi —
ħalla miktub b'tifkira
ta' qlubitek, miftuma
mill-ħajr u s-sebħ ta' ħutek,
li "għall-qawwa li wrew quddiem l-egħdewwa,
kienu jitkabbru bik Atene u Ruma".
Imma lilek, ja Kbir, li flok f'Atene
jew f'Ruma, twelidt fostna —
ħutek bla qalb, Insara
li f'dsatax-il mitt sena
la kellna l-ħila nagħġnu Qaddis wieħed
u lanqas ma ċċappasna
bil-ġdiem ta' ereżjarka —
xortik ħaqritek ħaj, ħaqritek mejjet,
u baqgħet sa dal-jum tagħtik bis-sieq.

Dun Karm — li bkiek u regħex meta la naħa
u lanqas oħra ma sab ħaġra waħda
jew biċċa rħama mwaħħla f'ħajt li tfakkar
m'ismek sabiħ egħmilek
ta' qalbieni mill-kbar li ċarċar demmu
biex Artu u ġensha u Dinha
ma jitgħajbux bla xerqa —
ħalliena wkoll m'ilux, u b'qalb maqsuma
telaq minn hawn għal ħdejk li ġismek mgħargħar
f'demmek ħallejt għall-ġieh u l-fidwa t'Artna
mija u sitta u sittin sena ilu u tlieta magħhom.
Jekk iltqajtu diġà, naħseb li stqarrlek
x'qalb kbira u taħraq għandhom
għal nies kbar bħalu u bħalek
il-Maltin ħutkom: kemm-il mafkar tellgħu

b'ġiehek f'din l-Art li tatna isimha, u lilu
x'funerali sarulu u kemm bandieri
nofs arblu ttellgħu fit-tlettax t'Ottubru
jew l-għada w il-pitgħada,
meta difnuh fejn twieled,
fuq il-bjut ta' l-ibliet u r-rħula tagħna,
u kemm sarlu quddies, u kemm maħnuqa
kienu l-knejjes bin-nies jitolbu għal ruħu
bħala Poeta Nazzjonali Malti!
Jekk iltqajtu diġà, Dun Mikiel Xerri,
u Dun Karm Psaila stqarrlek
kemm baqgħu jiftakruk u jbierku ismek
(tneħħi l-kittieba ta' xi tliet rumanzi)
ħutek u ħutu u ħuti,
naħseb li kliemu qanqlek
u għandu mnejn ħajrek ukoll ma' ruħek
safja u sabiħa terġa' tgħaqqad ġismek
biex tiġi ttertqu u tbiċċru għat-tieni darba
għall-fidwa tal-Maltin
mhux mill-jasar ta' żmienek,
ta' żmien il-Mislem jew Gonsalvo Monroy,
imma minn dak ta' żmienna —
żmien it-'talkies' u r-radjo u t-'television',
ir-'rock 'n' roll' u ċ-'cha-cha-cha', l-urieżaq,
l-oqmra jżiġġu bin-nies madwar id-dinja,
u l-għodod nukleari qerridin

X'jidhirlek, Dun Mikiel, minn żminijietna
u, aktar u aktar u aktar,
minna, ħutek Maltin?
Id-dinja, Professur, m'għadhiex li kienet
fi żmienek. Saret bidla kbira kbira
f'Artna u f'artijiet oħra
minn żmien Napuljun 'l hawn. Minnu li l-gwerer
ma naqsux żaru u ħarbtu bosta nħawi
u żergħu qerda u mewt qabel ma ntemmu
u ndifnu misħutin ma' min qanqalhom
u min ġarrab qillithom. B'danakollu
tistagħġeb, Dun Mikiel, x'bidla tal-għaġeb
ġiebet din l-aħħar gwerra
f'bosta artijiet u f'Artna

wara ż-Żifna tal-Mewt li żifnu fiha
Hitler u Mussolini
mgħannqin ma' Pierre Laval u Vidkun Quisling,
misħuqa taħt għarqbejn Delano Roosevelt,
Stalin u Winston Churchill.
Ilhom issa li għabu l-'Victory Kitchens'
u magħhom il-'Black Market'. F'ħajjet Alla,
m'għadniex nieklu ħarrub u naħmu ftajjar
tal-qamħirrum u nqarmċu l-ful u rroddu
jew xi ċurkett tad-deh'b jew par imsielet
għal xi wiżna patata. F'ħajjet Alla,
m'għadhiex il-qalb ittaqtaq dwar il-wasla
bil-ħniena ta' xi 'convoy' mgħobbi bl-ikel
għan-nies bil-ġuħ ta' dawn il-Gżejjer. Issa,
flok it-twerdin tal-*Messerschmitts* u l-bombi
nieżla jwerżqu fuq rasna mill-*Istukas*
u t-tħeżhiż u t-tħarbit mill-'mines' tal-għadu
u l-kenn fir-reżħa tal-għerien imħaffra
'l isfel fil-blat, jasal f'widnejna l-għana
u d-daqq ferrieħ minn artijiet imbiegħda,
u titgħaxxaq għajnejna
bl-oħla u bl-isbaħ dehriet ta' nies u ħwejjeġ
miġbura u miġjubin f'daqsxejn ta' ħġieġa
tixgħel bil-għaġeb. F'ħajjet Alla, inqatgħu
issa l-ħefa u l-irqajja', u naqas ħafna
is-serq ta' dari — għad li żdied serq ieħor,
mitmum fil-wiċċ u l-beraħ,
li l-Liġi tqis b'Negozju. Il-lum uliedna
kollha jmorru l-iskola — għalkemm, jaħasra,
jidher li bosta minnhom
aktar joħorġu weraq
milli joħorġu frott. Min-naħa l-oħra,
ġensna kotor u tjieb, u b'għaqlu u b'xogħlu
għamel xi sold ukoll ; infetħu toroq
ġodda u wisgħin, miksija asfalt u 'tarmac',
li fuqhom jiġru ħfief eluf ta' 'light cars'
u jkarkru x-'char-a-bancs' ; ħafna mill-griebeġ
ta' żmienek, Professur Dun Mikiel Xerri,
issa nbidlu fi djar jew 'flats' arjużi,
u minflok qoton u kemmun u tiben
fil-kmamar ta' l-irqad issib għamara

tgħammex l-għajnejn u twapet
m'ogħla subgħajn jew tlieta u dwal u mirja
u ṣaqqijiet u mħaded
rotob aktar mir-rix ; il-lum addiju
dbielet tkarkar ma' l-art u sdieri u qliezet
tal-fustan u l-lankè ; addiju t-terħa,
iċ-ċinetta w il-ħorġ ; festi u xalati
m'għadhomx ta' ḍarba f'sena :
daż-żmien Imnarja dejjem,
u Karnival kuljum!

Qlubi Professur Xerri,
int taf li jiena (u mhux jien biss) inħobbok
u nqimek sħiħ ; u taf ukoll li bħalek,
għad li mhux daqsek, inħobb 'l Arti u 'l niesha
u nixtiqilhom ġid kif nixtieq lili,
lil marti u lil uliedi ;
taf li jiena, bħal sħabi
tal-"Għaqda tal-Kittieba",
u kif għamel qabilna
Mikiel Anton Vassalli,
dħalt bla biża' fil-ġlieda u fit-taqtigħa
biex jitħares il-Jedd ta' l-Ilsien Malti
li jagħmilna nazzjon ; taf li kont wieħed,
għalkemm ċkejken u msejken,
li ndħalt u ħdimt u swejt ukoll xi ħaġa
biex min kien mgħattan bħali,
imgħakkes u maħqur iseħħlu jaqla'
xofftejh mit-trab u, mgħannaq mal-Vanġelu,
jikseb bil-qies li ħaqqu, bla ma jitlef,
mogħmi mis-sakra, il-glorja tan-Nisrani —
il-glorja li għaliha
int, Dun Mikiel, u tnax-il Malti ieħor
(u min jaf kemm oħrajn ukoll qabilkom)
ċarċartu demmkom. Int, li taf dan kollu,
lili ma tixlinix b'mibegħda u b'għira
għal min il-Lum u l-Bieraħ,
fix-xaba' u fin-nuqqas, waħħduni miegħu.
Lanqas ma tista' tlumni
talli, fis-sewwa tiegħi,
la nistħi u lanqas nibża'

nurik quddiem kulħadd il-qamħ u s-sifa
li bihom f'dan iż-żmien
huma mgħabbra ż-żewġ kefef tal-Miżien.

Aħfirli, Professur, jekk kliemi naqas
iroddlok kif kien xieraq
il-ħajr, is-sliem u l-qima
li f'qalbi nħoss għalik u għal dawk kollha
li għal Arthom u għal Dinhom
taw kulma kellhom u ħajjithom miegħu
bla biża' u bla tlaqliq. Aħfirli, aħfirli
talli, flok ma ġbart fdalek
fil-ħġieġ u d-deh'b u l-fiddá
u ressaqtu għall-bews ma' xofftejn ħutek
u ħuti, żidt inxerrdu
bil-kliem aħrax jew żejjed
li ċaqċaqtlek f'widnejk dwarhom u dwari
u żminijietna. Aħfirli,
w itlob 'l Alla jaħfrilna lkoll kemm aħna,
jekk taf jew tħoss li jiena u huma miegħi
il-lum qbadna triq b'oħra
u, msaħħrin mit-tlellix u ċ-'cha-cha-cha',
bdilna l-Kredu mal-għajta:
"Nitgħannqu mal-Ħelsien 'tul din il-ħajja,
u nobżqu tmiemha f'wiċċ l-Eternità!"

# IL-PATRIJOTTIZMU TA' DUN MIKIEL XERRI

*Ta'* GUŻE' GALEA

DIK il-pjazza ta' quddiem il-Palazz hija l-qofol tal-Belt tagħna, għax fiha titwettaq u tieħu sura ħajjet il-poplu Malti. Eluf ta' nies ta' kull klassi u ta' kull età jgħaddu kuljum minn dak il-misraħ medhijin bix-xogħol tagħhom, għajjenin mit-tweġħir li jinqalgħalhom, mikdudin mill-għawġ li jiltaqgħu miegħu, mifnijin mill-ħsibijiet li jberrnu f'moħħom, ferħanin b'xi xorti li laqtithom, henjin minn xenqiet l-imħabba; kollha jgħaddu minn hemm, min igħaġġel u min bil-lajma, u kollha jġorru magħhom tqanqiliet u xejriet misturin f'moħħom u f'qalbhom.

Imma dik il-pjazza għalina l-Maltin mhix biss għażiża għax turi qisha fuq palk, il-ħajja bieżla, ħarkiena, ħabrieka tan-Nazzjon, iżda għax tfakkar bosta mill-ġrajjiet tagħna : ġrajjiet ta' ferħ, ġrajjiet ta' niket, ġrajjiet ta' glorja, ġrajjiet ta' għajb li twettqu hemm matul il-milja tas-snin. Minn meta nbniet il-Belt Valletta, il-poplu Malti dejjem inġabar hemm f'okkażjonijiet ta' ferħ jew ta' għali, hemm hu mar biex jifraħ u jiddeverti, hemm mar biex jagħti merħba lill-Imperaturi, Slaten u Rjus Kbar, hemm iltaqa' biex iċapċap lill-mexxejja tiegħu, hemm mar biex iħaqqaq il-fehma ta' moħħu, hemm iltaqa' biex ibierek lil dawk li għamlulu ġid, hemm mar biex jisħet lil dawk li għamlulu d-deni. Imma fuq dan kollu dik il-pjazza hi għażiża għalina l-Maltin għax il-qiegħa tagħha xxarrbet b'demm il-patrijotti Maltin u fost dawk il-patrijotti, jixraqlu post ewlieni Dun Mikiel Xerri, li ħalla ħajtu hemm għal pajjiżu.

Kull Nazzjon għandha nies kbar li jagħmlulha ġieh u jgħolluha quddiem il-barranin ; hemm min jingħad bħala bniedem kbir għall-għerf tiegħu, hemm min għall-għaqal, min għall-ħniena, min għall-mogħdrija, min għall-imħabba lejn għajru jew għall-ġibda lejn Pajjiżu, imma ħadd minn dawn ma jistħoqqlu ġieh u qima lejh daqs dak li jħalli ħajtu għal Pajjiżu jew għal niesu. Il-ħajja hi l-ogħla għotja t'Alla l-Imbierek, hi l-aqwa don li jippossjiedi l-bniedem u meta bniedem jagħti ħajtu jkun qiegħed jiċħad lilu nnifsu mhux biss ġidu, għerfu u d-doni kollha, imma saħansitra l-esseri tiegħu. Ikun qiegħed irażżan mhux biss ġibdietu u xewqatu, iżda jkun jegħleb il-qawwa tan-natura għax in-natura ġġagħalna nagħmlu minn kollox biex inħarsu ħajjitna u naħarbu mill-mewt.

Kull min jagħmel xi opra tajba jkollu sodisfazzjon għax imqar il-ħsieb li sewa ta' ġid jew għen lil għajru jqanqallu hena ta' qalb u serħien ta' moħħ li jfarrġuh mhux ftit, imma meta wieħed iħalli ħajtu jippriva ruħu saħansitra minn kull hena li tisfa' mill-għamil it-tajjeb.

Għalhekk kull poplu ċivilizzat jagħti l-ogħla ġieh lil dawk l-eroj li ħallew ħajjithom, għal għajrhom, għal pajjiżhom jew għall-fidi tagħhom. Dun Mikiel Xerri jieħu postu bil-ħaqq kollu fost dawk il-patrijotti għeżież li fuq l-artal tal-patrja issagrifikaw mhux ġidhom, mhux ġiehhom, mhux għamilhom, imma ħajjithom il-għażiża u saqqew b'demmhom il-qiegħa ta' dik il-pjazza ewlenija tal-Belt tagħna.

Dun Mikiel hu x-xbieha ta' patrijott l-aktar safi, bniedem

rett, ġwejjed, fommu sieket, għaqli, medhi fuq xogħlu, iħobb lil pajjiżu bla ħafna ftaħir u bla ħafna kliem fieragħ. Il-veru patrijott mhux dak li jgħajjat f'nofs il-misraħ u jħambaq u jxandar kemm hi kbira l-ġibda tiegħu lejn art twelidu, imma mbagħad meta tinħtieġ il-ħidma tiegħu għall-ġid tal-kotra, taraħ ikewwtel u jlaqlaq u lanqas biss imidd idejh biex jagħmel sehmu. Il-veru patrijott hu dak li jilħaq dmiru, jagħnet u jħawtel u jilħaq max-xogħol tiegħu bla tgergir u bla tgemgim, u filwaqt li jilħaq max-xogħol tiegħu jsib ukoll il-ħin biex jagħmel xi ħaġa għall-ġid, biex igħin il-proxxmu jew biex ifarraġ lil min hu fil-hemm jew fil-bżonn.

Dun Mikiel qatt ma fittex għana u ġieħ u qatt ma fittex li jitħallat mal-kbarat jew mal-mexxejja tal-pajjiż, iżda dejjem żamm lura u kien jindaħal għall-ħidmiet straordinarji meta kienu jfissrulu li ma jistgħux igħaddu mingħajru u meta kien iħoss ruħu fid-dmir li jieħu sehem.

Hu twieled u trabba Ħaż-Żebbuġ fost in-nies ta' dak ir-raħal u dejjem żamm dik ix-xeħta ta' bniedem lieżem, imma dehni kif aktarx issibhom lil dawk tal-kampanja; dawn in-nies huma ta' ftit kliem u ma jintilfux fil-komplimenti żejda, iżda jafu jqisu u jagħżlu t-tajjeb mill-ħażin għax dehenhom mhux mitluf wara l-frugħat u t-tlellix ta' l-ibliet. Dun Mikiel Xerri twieled Ħaż-Żebbuġ fl-1738 u trabba f'dak ir-raħal fejn kien twieled u trabba wkoll il-Kanonku Franġisku Saverju Caruana, li mbagħad laħaq Isqof ta' Malta. Mikiel u Franġisku Saverju ma jistax ikun li ma trabbewx flimkien jew li għallinqas ma kinux ħbieb fi ċkunithom. Żewġt itfal f'raħal, it-tnejn mogħtijin għall-istudju, aktarx it-tnejn abbatini fl-istess knisja, dejjem issibhom ħbieb u jiġru wieħed wara l-ieħor. Fl-istejjer kollha ta' Malta nsibu li dawk iż-żewġ persunaġġi kienu ħbieb tal-qalb u għandna naħsbu li dik il-ħbiberija kienet ixxenxlet f'żgħożithom meta kienu bla ħsieb u bla xkiel, jiġġerrew henjin fir-raħal ta' twelidhom. It-tnejn daħlu studenti fis-Seminarju, it-tnejn saru qassisin, it-tnejn tawha għat-tagħlim fis-Seminarju u fl-Università u baqgħu midħla ta' xulxin, it-tnejn kienu jinteressaw ir-wieħhom fil-ġid ta' pajjiżhom u t-tnejn kienu mhejjijin jaqbżu għal art twelidhom meta tinħtieġ l-għajnuna tagħhom; it-tnejn kienu mqanqlin minn sentimenti patrijottiċi, imma filwaqt li wieħed kiseb il-ġieħ li kien jistħoqqlu u mexa 'l quddiem u laħaq Rettur ta' l-Università u Isqof ta' Malta, l-ieħor ħalla ħajtu

f'nofs il-Pjazza mtertaq min-nar tas-suldati u miet bil-għajta ta' Malta fuq fommu.

Dun Mikiel mhux biss eroj, iżda hu martri tal-patrja. Ħafna nies ma għandhomx idea eżatta ta' dik il-ħaġa li tissejjaħ patrja; għal bosta l-patrja hi biċċa art fejn twieldu jew għaxu, għal oħrajn il-patrja hi skuża għal sentimenti opportunistiċi jew motiv għal entużjażmu fieragħ jew agħma. Il-veru sentiment patrijottiku hu dak li jħeġġeġ il-qalb u jixgħel il-moħħ, iħeġġiġhom bil-fehma u rieda soda li jgħożżu jweġġħu dak kollu li hu sewwa f'pajjiżhom, li jħobbu lil kull min iħabrek għall-ġid, li jgħinu lil min hu fil-bżonn, li jagħdru lil dawk fost ħuthom li tilfu t-triq tas-sewwa u li jaħdmu għalenija biex iġibu 'l quddiem art twelidhom u lil dawk li jgħixu fiha.

Minn hawn ġej li l-patrijottiżmu hu sentiment ta' karità u mhux intrigu politiku, hu sagrifiċċju mhux pretensjoni; għalhekk l-att erojku ta' Dun Mikiel Xerri hu l-aqwa xempju ta' patrijottiżmu ; dak li għamel hu, għax kien imqanqal minn sens ta' karità u sagrifiċċju u mhux minn intrigi għall-avanz jew unuri. Meta Dun Mkiiel ingħaqad ma' sħabu tal-konfoffa biex jeħilsu l-Belt minn taħt idejn il-Franċiżi, hu kien imqanqal mill-ħniena lejn dawk il-Maltin bħalu li kienu jbatu taħt il-madmad ; hu kellu xewqa li jeħles lin-nies tal-Belt mill-għaks ta' l-imblokk u lin-nies tal-kampanja mit-tbatijiet biex iżommu strett dak l-imblokk. Ir-rieda ta' Dun Mikiel kienet li jiswa ta' ġid lil ħutu Maltin kollha, dawk magħluqin 'il ġewwa mis-swar u l-oħrajn ta' barra l-bliet, għax kollha kienu għaddejjin minn kriżi kbira. Dawk ta' ġewwa l-bliet, barra s-sarima li libbsuhom il-Franċiżi u l-ħruxija tas-suldati, kellhom nuqqasijiet kbar ; kienu jbatu l-ġuħ ; filwaqt li dawk il-Maltin tal-kampanja ma kinux f'qagħda anqas imwiegħra ; l-irġiel b'saħħithom kienu miġburin f'battaljuni għassa fit-trunċieri lejl u nhar ; kienu abbandunaw ir-raba' u s-snajja' tagħhom u waqgħu f'għaks u ġuħ kbir. Biex tagħqad kien hawn ukoll il-mard li qered ħafna nies tant li meta spiċċa l-imblokk, sabu li aktar mietu Maltin fil-kampanja milli fl-ibliet.

Dawn il-ħsibijiet ġieb f'moħħu Dun Mikiel qabel ma iddeċieda li jidħol fil-konfoffa, hu dam ħafna jtalla' u jniżżel dwar id-destin ta' Malta u d-dmir tiegħu lejn dak id-destin. Ta' surmast li kien, il-Professur, kif kienu jsejħulu l-ħbieb u l-ħafna skulari li għaddew minn taħt idejh, ma nxteħetx bil-għama għal dak it-twegħir tal-konġura. Ħafna oħrajn kellhom mnejn

jixegħlu u jfuru ma' l-inqas kelma, għax ikunu mqanqlin mix-xewqa li jidhru jew jissemmew, jew ikunu mogħmijin mill-ġibda għall-avventuri. Il-għamil ta' nies bħal dawn jista' jisfa ta' ġid għal pajjiżhom u huma jiksbu ġieh u foħrija, imma l-ħidma tagħhom ma tistax tissejjaħ virtù erojka.

Dik li tissejjaħ virtù erojka titnissel mill-għaqal u l-ħsieb mhux minn sfiċċa li tixgħel bħan-nar tat-tiben, ittir bħal xrara u tintemm f'tebqa ta' għajn. Li Dun Mikiel ma ndaħalx bla ħsieb u bla raj għal dik il-biċċa xogħol ta' tiġrib kbir tixhdu l-istorja u jidher mill-bixra ta' ħajtu.

L-istorja tgħidilna li fi żmien l-imblokk tal-Franċiżi kien hemm mhux konfoffa waħda iżda tnejn, u jekk niflu sewwa l-ġrajja ta' dak l-imblokk insibu li Dun Mikiel kellu x'jaqsam ma' nies li ħadu parti fl-ewwel u ma' oħrajn li ndaħlu fit-tieni konfoffa.

Fil-konfoffa li kienet imlaqqgħa l-Isla f'Awissu ta' l-1799, kien ħa sehem l-ispiżjar Ċikku Pisani li kellu lil ħuh miżżewweġ ma' Tereża, bint Marija, oħt Dun Mikiel Xerri. Wara li nkixfet dik il-konfoffa u nqabdu dawk li kienu fiha, l-ispiżjar Pisani xeħtuh il-ħabs ta' Sant'Jermu, fejn dam għal xi żmien sakemm tawh il-mewt għas-sehem li kellu f'dik it-tqanqila tal-Maltin ta' ġewwa l-ibliet biex jeħilsu mill-Franċiżi. Minn dan wieħed jista' jifhem li Dun Mikiel jekk ma kienx imdaħħal f'dik il-konfoffa, kellu ħjiel tagħha għax ma jistax ikun li ma kinux tarrfulu xi kelma dawk l-imħalltin miegħu li kienu fiha; imma hu ta' għaref u ta' għaqli li kien, ried jistħarreġ sewwa u jiżen il-ġid u l-fejda li se jitnisslu minn dik it-tqanqila.

Bħala saċerdot Dun Mikiel kien bniedem tar-ruħ u tal-paċi, bħala professur hu kien bniedem tal-ġabra u tas-skiet, medhi fuq il-kotba, jixxiegħel fit-tagħlim, iħobb is-skiet u jitbiegħed mill-għagħa. Hu kien ta' bixra fabbli, jilqa' lill-ħbieb bil-qalb kollha u l-hena tiegħu fil-ħin tal-mistrieħ jiltaqa' ma' xi erbgħa tal-qatgħa tiegħu u joqgħod jitkellem magħhom. Kellu dar Ħaż-Żebbuġ, fit-triq li l-lum hija msemmija għalih, imma hu ftit kien igħix hemm. Minħabba x-xogħol tiegħu fl-Università u fis-Seminarju, Dun Mikiel Xerri kien kera daqsxejn ta' dar il-Belt, Triq Sant'Ursola, u mbagħad mar igħix f'dar oħra fi Triq il-Punent taħt il-kunvent tal-Karmnu u hemm kien igħaddi l-biċċa l-kbira tas-sena. F'dik id-dar żgħira kienu jmorru jżuruh il-ħbieb ta' ġewwa u l-istudenti. Wieħed jista' jaħseb li sħabu tal-konġura, il-qassis Dun Bartilmew Zarb, il-librar Saver Rossi, il-

kaptan Guliermu Lorenzi, kienu ta' ġewwa f'dik id-dar u aktarx twebblu bil-konfoffa f'xi waħda mil-laqgħat tagħhom hemm. Jista' jkun li f'dik id-daqsxejn ta' dar tfasslu l-proġetti għal dik il-konġura kbira li ħasdet lil Vaubois, imliet ras dak ta' madwaru u dehxet lill-Gvern.

Fost dawk li daħlu għal dik il-konfoffa seta' kien hemm min kellu f'rasu xi tir għalih innifsu seta' kien hemm ukoll min xtaq jiġbed in-nar għal xawwatu, imma milli jidher il-biċċa l-kbira tal-konfoffa u, fosthom ewlieni Dun Mikiel Xerri, kellhom f'rashom ħsieb wieħed u wieħed biss: Ħsieb li jagħmlu ġid lil pajjiżhom u jeħilsu lil nieshom mill-madmad tal-barrani. Kienu rġiel li kellhom qalbhom tħeġġeġ b'imħabba għal art twelidhom, kienu nies mitlufin bix-xewqa li jiksbu l-ħelsien, kienu bnedmin imqanqlin minn mogħdrija għal art twelidhom, kienu nies mogħnija b'għerf u għaqal, imma ma kellhomx dik ix-xeħta fina biex imexxu l-ħarira minn taħt ħalli ma jnebbhux lill-għedewwa bit-tir tagħhom.

L-entużjażmu kien kbir imma l-organizzazzjoni kienet dgħajfa, tant li meta wasal iż-żmien biex jagħtu l-kolp kien hemm min beda jitħasseb u x'uħud imlew rashom tant li marru sabu lill-Kanonku Dun Pietru Pawl Muscat, Teżorier tal-Kolleġġata ta' San Pawl tal-Belt u talbuh iġibilhom minn għand l-Isqof il-permess li jkun espost is-Santissimu Sagrament fuq l-artal ħalli jirnexxi l-kolp li kienu sejrin jagħtu; iżda l-Isqof Mons. Labini, bagħat igħidilhom li l-Knisja ma tindaħalx fi bċejjeċ bħal dawn.

Dan juri li dawk tal-konfoffa, għalkemm kellhom ħsibijiet kbar u kienu jinsabu f'għawġ ikrah, kellhom ukoll ġibda lejn il-Knisja Mqaddsa u dan iwettaq il-fatt li l-imħabba lejn art twelidna timxi id f'id ma' l-imħabba lejn ir-Reliġjon għax ir-Reliġjon tqajjem fil-bniedem sentimenti għoljin ta' ħniena, ta' mogħdrija, ta' ġustizzja u kull fejn hemm sentiment ta' ġustizzja għandek issib ukoll xejra għall-patrijottiżmu; għax fuq kollox il-patrijottiżmu hu rieda qawwija biex in-nazzjon tikseb dak kollu li bil-ħaqq jistħoqqilha. Is-sehem li Dun Mikiel Xerri kellu fil-konfoffa jixhed il-patrijottiżmu ta' dak il-bniedem qalbieni u ġust.

Meta l-kapijiet tal-konfoffa raw li ma kinux imħejjijin biżżejjed biex il-kolp jirnexxi, fil-għodwa tal-11 ta' Jannar inġabru fil-Knisja ta' San Ġwann tal-Belt u wara li talbu d-dawl lill-Mulej, sejħu lil dawk li kellhom idoqqu l-qniepen biex jagħtu

s-sinjal għall-attakk, qalulhom li ma kien ser isir xejn u wissewhom li jmorru bil-kwiet lejn darhom. Din it-twissija bagħtuha wkoll lil dawk li kienu bil-qaddis li jaħbtu għall-għases u lill-oħrajn tal-kampanja li kienu imħejjijin jidħlu jgħinu lil ħuthom tal-Belt. Imma ħtija ta' xi ħadd bla għaqal, l-aħbar ma waslitx lil dawk l-irġiel li kienu mistoħbijin Marsamxett lesti għall-assalt; dawn baqgħu jistennew sakemm, b'xorti ħażina, il-Franċiżi indunaw bihom u ħabtu għalihom għal għarrieda. Wara li nqabdu dawk l-irġiel, u bil-għajnuna ta' xi spjuni, il-Franċiżi kixfu l-konġura u bdew jiġbru lil dawk li kienu mdaħħln fiha; arrestaw lil kull min kellhom xi ħsieb ħażin fih, saħansitra l-patrijiet kollha ta' San Duminku; imma sakemm ġara dan, kien hemm min dabbar rasu, għax il-Franċiżi ma sarux jafu f'daqqa min kienu dawk tal-konġura.

Kieku ried, Dun Mikiel Xerri seta' jara kif jagħmel biex joħroġ mill-Belt. Nafu wkoll li billi Dun Mikiel kien miżmum b'wieħed mill-egħref nies ta' Malta u kulħadd kellu qima kbira lejh, il-Ġeneral Vaubois xtaq jeħilsu tassew u meta ressquh għall-kawża tiegħu, niżel hu stess biex jagħmillu l-mistoqsijiet li kienet titlob il-liġi. Dak il-Ġeneral xtaq li Dun Mikiel igħid xi ħaġa li biha jkun jista' jbenġillu l-ħtija u jnaqqaslu l-piena. Imma Dun Mikiel għażel li jibqa' hemm fejn kien ikkonfoffa ma' sħabu għall-ħelsien ta' Malta. Meta jsib ruħu fil-għawġ, il-bniedem l-ewwel ħsieb li jgħaddilu minn moħħu, kif se jdabbar rasu; iżda mhux kulħadd jaħseb għalih innifsu biss; l-irġiel qalbiena, galantomi u ta' rieda qawwija ma jabbandunawx lil sħabhom u saħansitra jinxteħtu biex iġarrbu bħalhom il-hemm li jaqa' fuqhom.

Nies bħal dawn huma tassew qalbiena u l-kuraġġ tagħhom hu l-aktar safi u tal-għaġeb. Għax il-kuraġġ mhux biss dak li jitnissel minn sfiċċa ta' ħila li tixgħel bħal nar tat-tiben, anqas hu dak li jiġi minn xi dagħdigħa ta' qilla jew mibegħda; il-kuraġġ veru hu ta' dak il-bniedem li jagħraf il-periklu bla ma jibża' minnu u bla ma jaħrab. Il-bniedem kuraġġuż jibqa' ħiemed imqar fl-eħrex tempesta, hu jħoss dmir li jwettaq ħila u qlubija quddiem il-periklu, hu ma jħallix lilu nnifsu jintrebaħ mill-għawġ u l-hemm u fuq kollox ma jibqax lura li jaqbeż għal ħbiebu u għal għajru, u saħansitra jarfa' s-salib tagħhom jew jissieħeb magħhom fl-isventuri kif għamel Dun Mikiel Xerri.

Rumanzieri u poeti kitbu episodji li jmissu l-qalb dwar l-imġiba ta' Dun Mikiel Xerri quddiem l-imħallfin li ikkundannawh għall-mewt u quddiem it-tajfa suldati li iffuċillawh. Hafna mill-irqaqat ta' dawk id-deskrizzjonijiet huma nisel tal-fantasija, huma rahan ta' dik il-mewta kuraġġuża ta' Dun Mikiel li għaġġbet lill-egħdewwa tiegħu u nisslet ġibda u qima lejh saħansitra fost is-suldati qalbenin ta' Franza.

Dun Mikiel Xerri u tnax-il Malti ieħor, irġiel sewwa, qalbiena, felħana, mixgħula bl-imħabba għal art twelidhom, ħallew ħajjithom għal din Malta tagħna fis-sbieħ il-jum tas-17 ta' Jannar, 1799, f'nofs il-Pjazza tal-Belt. Waqgħu mtertqin miċċomb ta' l-azzarini Franċiżi, xarrbu b'demmhom il-qiegħa ta' dik il-Pjazza, u b'dak l-istess demm inkitbet fl-istorja ta' Malta paġna glorjuża li ma tintesa qatt.

Kull nazzjon u kull pajjiż għandhom il-ġieh u l-foħrija tagħhom, u fuq dawn iż-żewġ sisien huma jogħlew u jieħdu posthom aktar 'il fuq fost il-Għaqda tal-Ġnus. Imma l-ġieh u l-foħrija għandhom jingħataw bil-ħaqq u s-sewwa u jistħoqqu biss lil min ikun għamel xi ħaġa kbira għal pajjiżu. Hafna jistgħu jwettqu xi ħaġa ta' ġieh għal pajjiżhom imma ftit huma dawk li jagħtu ħajjithom għall-ħelsien ta' art twelidhom u ta' nieshom. It-tifkira ta' dawn in-nies li jidhru fl-istorja tal-pajjiż, qishom kwiekeb fil-beraħ tas-sema, għandha s-siwi tagħha nazzjonali u internazzjonali. Din it-tifkira hija ta' fejda nazzjonali għax hi nixxiegħa ta' għana u ġid spiritwali li jħeġġu l-qalb, idawlu l-moħħ u jseddqu d-dehen; b'daqshekk tissaħħaħ ir-rieda u l-ħerqa tan-nies għall-ħidma u għat-tħabrik b'riżq tagħhom infushom, ta' għajrhom u ta' pajjiżhom.

It-tifkira ta' nies kbar tiswa wkoll biex tressaq lejn xulxin in-nazzjonijiet u tgħaqqadhom f'rabta ta' ħbiberija u ta' għajnuna għax l-opri ġenerużi jixegħlu dawl li jiġbed lejh il-bnedmin ta' rieda tajba ta' kull nazzjon.

Għalhekk din it-tifkira ta' Dun Mikiel Xerri, imqanqla mill-ħeġġa ta' l-istudenti żgħażagħ, hi mhux biss radd ta' qima lil dak il-patrijott kbir, imma hija wkoll rahan ta' xejra ġdida fis-sentiment patrijottiku Malti. Jalla minn dak il-qassis għaref u qalbieni nitgħallmu d-dmirijiet tagħna lejn ir-Reliġjon u lejn il-Patrja, *quod est in votis!*

# IL-MEWT TAL-PROFESSUR PATRI ANASTASJU CUSCHIERI, PH.D., D.D., O.C.

*Ta'* A. CREMONA



**Patri Anastasju Cuschieri**

GHADDEW sew sew maddisa' xhur u xi granet fuqhom mindu minn fuq il-lista tal-Membri ħajjin tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti kellna b'għafsa ta' qalb inħassru l-isem għażiż ta' DUN KARM, it - tieni President tal-Għaqda, isem li wara dak ta' G. Muscat Azzopardi, kien ifisser dak ta' wieħed mis-sisien tal-Għaqda. Il-lum għat-tieni darba kellna wkoll, b'mhux inqas swied ta' qalb, inħassru l-isem, mhux inqas għażiż, tal-Professur Cuschieri mil-lista ta' dawk il-Membri ħajjin, u ngħodduh ma' dawk li telquna għal dejjem u ħallew vojt li bil-mod jimtela minn membri bħalhom.

F'DUN KARM u CUSCHIERI l-Għaqda kienet sabet sa mit-twelid tagħha żewġ kolonni ewlenija li fuqhom bdiet tinbena u titrawwem dik il-Poeżija letterarja li mix-xitliet tagħha tnisslet l-isbaħ Ġnejna tal-Musa Maltija.

Kien fil-bidu tas-sena 1912 meta DUN KARM, imħajjar mid-Dekan tal-Kittieba tal-Malti, kien beda jdewwaqna l-ħlewwa ta' versi klassiċi Maltin f'"Il-Habib". Warajh kienu għaddew bilkemm tliet snin meta fl-istess ġurnal bdew jidhru versi Maltin mhux inqas mirqumin u sbieħ, li taħthom kien hemm dawk it-tliet stilel li dlonk kulħadd sar jaf li kienu jfissru l-isem moħbi ta' Patri Anastasju Cuschieri. Dawk it-tliet stilel li 'l hawn u

'l hinn bdew jidhru f'"Il-Habib" dehru bħal ħaġa barranija tleqq bid-dija qawwija tagħhom fis-sema ta' dak l-istar sabiħ tal-Musa Maltija li biha beda jiżżejjen għall-ewwel darba Ilsienna.

L-għajn ta' kull qarrej malli jiftaħ "Il-Habib" ma kenitx tfittex ħlief il-versi li taħthom kont tara dawk it-tliet stilel. F'dawk il-versi kien hemm ċerta ħlewwa sempliċi ta' ħsieb u ritmu ġodda li kienu jisirqu l-qalb, versi li ma kinux jagħmlu għajb lil dawk li konna bdejna nduqu mill-pinna ta' Dun Karm.

Ibda mill-ewwel poeżija tiegħu taħt l-isem ta' "Marija" f'"Il-Habib" tas-27 ta' April, 1915, sa l-aħħar versi li qrajna għal medda ta' xi snin wara sa dwar l-1927, is-suġġetti tal-versi tiegħu kienu iktarx dejjem tnejn li l-qalb ta' Cuschieri kienet marbuta magħhom : *Il-Madonna* u *l-Ilsien Malti.* Ebda poeta Malti, naħseb, ma kiteb hekk tajjeb u sabiħ fuq il-Madonna u l-Ilsien Malti daqs Cuschieri.

Fost il-qarrejja ta' "Il-Habib" ta' dik il-ħabta, malli dehru l-ewwel versi tiegħu, kien hemm tnejn li minnufih urew l-impressjoni li kienu għamlulhom l-ewwel versi tal-poeta ġdid Karmelitan : *A.P.* u *Dun Pawl,* li min-naħa tagħhom fissru wkoll b'xi versi l-għaxqa u l-għożża tagħhom għall-ħlewwa tal-pinna ta' Cuschieri. Bi tweġiba f'"Il-Habib" tat-28 ta' Ottubru, Cuschieri lil Dun Pawl (Gauci) kien kitiblu daqsxejn ta' poeżija taħt l-isem ta' "Dun Pawl, Mhux Lili" li tagħlaq b'dawn il-versi hekk qawwija u f'waqthom :

*Dun Pawl, jekk qablek it-trab jordomni*
*Int fuq qabarti ħażżeż da'l-kliem:*
*Minn taħt dil-ġebla dil-qalb Maltija,*
*Lilek, ja Malti, tibgħat is-sliem.*

li fihom il-Poeta ġdid wettaq is-sentimenti tiegħu lejn il-Malti.

L-epoka tal-kitba tiegħu bil-Malti kienet dik ta' żmien l-Ewwel Gwerra u ta' snin warajha, u għalhekk fil-versi tiegħu naqraw allużjonijiet għal dak iż-żmien ta' hemm u niket li kien nissel dak il-ġlied bejn l-aqwa nazzjonijiet ta' l-Ewropa. F'dawk il-versi l-Poeta kien dlonk isemma' t-talba, li kellha minn għajta kbira ta' ħniena, lill-Madonna biex tieqaf magħna u teħlisna mill-mard li wara dik il-Gwerra xxerred fil-Gżira u qered il-ħajja ta' bosta nies.

Maż-żmien il-poeżiji ta' Cuschieri li bdew jidhru f'xi rivisti oħra, fosthom fir-"Reġina tal-Karmelu", qajmu għagħa ta'

ħeġġa kbira fost il-kittieba tal-Malti li għal xi ftit kienu nsew il-versi ta' kull poeta ieħor.

Il-versi bil-Malti ta' Cuschieri dlonk inġabru bħala l-isbaħ mudelli ta' poeżija letterarja fil-kotba tal-Qari għat-tfal ta' l-Iskejjel Sekondarji u għall-Istudenti ta' l-Università ma' poeżiji oħra.

Cuschieri, bħal Dun Karm, qabel ma beda jikteb versi bil-Malti, kien magħruf ukoll bħala kittieb tajjeb ta' versi liriċi sbieħ bit-Taljan, li biċċiet minnhom insibuhom fil-*Poeti Maltesi d'Oggi* ta' Oreste Tencajoli. Kien ukoll oratur kbir u l-prietki tiegħu bit-Taljan u bil-Malti baqgħu msemmijin. Nistgħu ngħidu wkoll li f'okkażjoni patrijottika, bħalma kienet dik ta' l-Inawgurazzjoni tal-Monument ta' l-1565, fl-1927, fost id-diskorsi li saru, huwa tkellem ukoll bil-Malti wara d-diskors inawgurali li kien għamel Sir Arturo Mercieca.

Il-Professur Cuschieri jibqa' magħruf ukoll fil-kamp politiku tal-pajjiż meta kien maħtur għal darbtejn bħala Senatur jirrappreżenta l-gradwati ta' l-Università mal-Partit Nazzjonalista taħt il-Kostituzzjoni ta' l-1921.

Il-karriera akkademika tiegħu baqa' jaħdem fiha wkoll wara l-istudji tiegħu li kien għamel Ruma fejn fl-Università Gregorjana kien ħa l-gradi ta' Ph.D., u D.D. Ta' età żagħżugħa ta' 25 sena ġie maħtur Professur tal-Filosofija fl-Università ta' Malta fejn wera moħħ tal-għaġeb fost l-istudenti li kien igħallem. Ebda Professur daqsu ma kien iżomm lill-istudenti għal sigħat sħaħ b'għajnejhom fuqu jisimgħu bi ħrara kbira l-ispjegi tiegħu; għax barra l-kelma ħelwa u perswasiva tiegħu, barra l-għerf li kien joħroġ minn fommu, barra mill-karattru dħuli tiegħu, huwa kellu ċerta personalità serja u spiritwa fl-istess ħin, li kellha setgħa manjetika fuq l-istudenti. Hu dam igħallem il-filosofija għal 38 sena, tul ta' żmien li, kif naħseb, ebda Professur għadu ma laħqu.

Il-figura personali ta' Cuschieri, ta' statura iktarx qasira, ġewwa dik iċ-ċoqqa ta' patri Karmelitan, fommu iktarx sieket, ħlief meta jaqbad xi argument, kienet tiġbdek bla ma trid, l-iktar imbagħad meta tersaq lejh u tkellmu, u tikxef li f'dik il-figura hekk umli fid-dehra, hemm l-isbaħ kwalitajiet ta' bniedem soċjevoli u sportiv. Meta kien għadu fl-aħjar tiegħu huwa ma kienx jistmerr imur jara xi partita *football* li għalih ġie waqtiet li wera entużjażmu kbir, kif ukoll meta kont tarah jilgħab xi logħba

*billiard* fis-*Civil Service Sports Club* fejn għal xi żmien kien ukoll membru, u fejn kien iħobb imur iqatta' xi siegħa żmien jitkellem ma' l-imseħbin ta' dak iċ-ċirkolu. Dan l-aħħar, qabel ma kellu jingħabar fiċ-ċella tiegħu, b'marda li kienet ħakmitu dawn l-aħħar erba' snin, kont tarah tiela' jċeklem mit-triq tal-kunvent, jitwieżen fuq bastun, jagħmel xi passiġġata żgħira madwar il-belt wara nofs in-nhar, jieqaf jitkellem ma' xi ħbieb, li iktarx kienu xi darba studenti tiegħu, dejjem b'dik it-tbissima ħelwa fuq fommu.

Ġew waqtiet li Cuschieri kellu bħal ħaddieħor iduq il-morr minħabba l-kwistjoni politiku-reliġjuża ta' l-1928-30 meta għall-ġid tal-pajjiż kellu jidħol fil-kamp politiku u jitgħabba bit-toqol ta' pożizzjoni senatorjali. Kien minn dak iż-żmien li l-Musa tiegħu kienet waqgħet fil-muta, sakemm siktet għal kollox. B'danakollu dawk il-ftit poeżiji li kienu laħqu ħarġu mill-ġenju poetiku tiegħu kienu biżżejjed biex iħallulu isem sabiħ fl-istorja tal-letteratura Maltija.

Aħna nafu li kieku ma kinux iċ-ċirkustanzi politiċi li kienu mewtulu l-ħeġġa, iktar forsi mill-qtigħ il-qalb li seta' ħass mill-għira ta' ħaddieħor, aħna kien ikollna wisq iżjed versi mill-pinna ta' Cuschieri, versi li kienu jkunu bżżejjed biex bihom nimlew l-ixkafef ta' dik il-għamla ta' xogħlijiet poetiċi bil-Malti li minnhom il-bibljoteka Maltija għadha nieqsa.

---

# GEW SABBRUNI

*Ta'* ANTHONY PISCOPO

MA tafx tagħder, ma tafx taħfer; ma tħares lejn wiċċ ħadd, kienet daħlet f'dari u serqitli 'l marti li tant kont inħobb.

Kienet mara mżejna b'kull ġmiel b'manieri sbieħ li kienu jġagħlu 'l kulħadd iħobbha. F'erbat ijiem ħakmitha marda qasira, imma kiefra, li wasslitha f'xifer il-qabar.

**Iddisprat, ħadtha kontra Alla li ħadhieli hekk fl-aħjar jiem ta' ħajjitha. Ħsibt li ħajti, mogħtija fil-vizzjijiet, stajt ngħix aħjar u hekk f'din il-ħajja nsejt kull dmir li kien baqagħli nwettaq lejja u lejn ibni.**

Insejt kemm ħliftilha 'l marti fuq is-sodda tal-mewt tagħha meta qaltli biex nieħu ħsieb Joe u rrabbih fil-biża' t'Alla, imma ħajti, mogħtija fil-ħajja moqżieża, ma ħallitlix ħin biex nikkoreġi 'l ibni li kien iddakkar minni u għex l-istess ħajja tiegħi.

L-aħħar jum fil-ħajja tiegħi mgħargħar fil-ħażen, kien wasal f'jum il-Ġimgħa l-Kbira.

Kienu t-tlieta ta' wara nofs in-nhar ta' dan il-jum waqt li d-dinja Kattolika tkun qiegħda tfakkar l-Akbar Traġedja, jien kont qiegħed nikser wieħed mill-kmandamenti li Alla ta lil Mosè biex igħaddihom lilna.

Dik il-lejla, meta ġejt biex norqod, fija ħassejt xi ħaġa mhux komuni, intbaht x'ħajja kont għaddej fiha u kemm f'dak il-jum fhimt sewwa l-missjoni li għaliha l-Iben t'Alla ġie fid-dinja.

Niedem u sogħbien minn dnubieti, bkejt ħajti l-imgħoddija u quddiem il-Kruċifiss u Ommu l-Imqaddsa Marija wegħedt li bi tpattija għal dak li kont għamilt f'dak il-jum, jien kull nhar ta' Ġimgħa mit-tlieta ta' wara nofs in-nhar ninġabar f'kamarti u hemmhekk intemm dak il-jum nimmedita dak li għadda minnu l-Iben t'Alla fil-passjoni ħarxa li bata minħabba fina.

Ġimgħa wara oħra, għaddew is-snin u jien bqajt inżomm u nwettaq il-wegħda li kont għamilt.

Ġimgħa minnhom waqt li bħas-soltu kont f'kamarti nwettaq dak li wegħedt, is-seftura ħabbtitli u tatni l-aħbar li ibni safa korrut u miet ftit wara. Dak il-jum bqajt hemm ġew nimmedita quddiem il-Kruċifiss x'responsabbiltà kbira kelli jekk 'l ibni bgħattu Quddiemu mgħargħar fil-ħażen ħtija tiegħi.

L-għada filgħodu n-nies ma qatgħet xejn ġejja ssabbarni għat-telfa t'ibni. Ma nafx min ġie u ma ġiex, imma niftakar kienet ġiet mara b'ġuvni magħha li impressjonawni għall-mod kif sabbruni, tant li minn dak il-ħin ħassejt faraġ hekk kbir li l-biża' li ibni ntilef fl-eternità kien marli għal kollox.

Il-Ġimgħa kienet waslet u bħal qabel dħalt f'kamarti nkompli l-wegħda. Jien u nimmedita, ilmaħt fil-Kruċifiss u f'Ommu l-Imqaddsa Marija, iż-żewġ Persunaġġi li kienu ġew isabbruni l-għada tal-mewt t'ibni.

U meta tkellimt fuq hekk ma' Patri tassew tar-ruħ, kien qalli: Kristu u Ommu apprezzaw is-sagrifiċċju tiegħek u b'xi mod riedu jpattuhulek!

# BLACKIE

*Ta'* A. Cremona

KIENU tliet aħwa bniet; minn dejjem iħobbu l-qtates. Waħda Rożina, ta' xi ħames snin, l-oħra Delina, ta' tmien snin, u l-kbira Tessie ta' għaxar snin. L-aktar għors tagħhom meta l-qattusa l-bajda mnaqqxa bl-iswed kien ikollha l-frieħ f'kaxxa ta' l-injam bit-tiben f'rokna ta' taħt it-tarag tal-kantina tad-dar fejn kellhom il-kċina u kamra ta' l-ikel imdawlin b'żewġ spralli-jiet kbar fuq il-bankina tat-triq.

Nies it-tfal, missierhom, Feliċ, u ommhom, Ġuża, u Fredu ħuhom ta' xi tnax-il sena, kienu joqogħdu f'waħda mid-djar fit-trufijiet ta' Bormla maġenb is-swar fl-inħawi tat-triq li tagħti għall-Hawli bejn il-fortini tas-Salvatur u t-triq li tagħti għal Ħaż-Żabbar.

Rożina, l-ewwel waħda, imbagħad oħtha Delina, kienu jkunu minn ta' l-ewwel, li malli jqumu mis-sodda jmorru jit-tawlu dawk il-frieħ tal-qattusa li jkunu għadhom kif twieldu ewl il-lejl, u jitgħaxxqu bihom, igħodduhom u jagħmlu għors, u jiġru għand ommhom u jagħtuha l-bxara li l-qattusa għandha erbat ifrieħ u x'lewn huma. Ġejjin u sejrin jittawlu, waħda tgħid li jogħġobha l-abjad imnaqqax bl-iswed, l-oħra l-aħmar u l-oħra l-iswed tuta; ir-raba' wieħed lewnu bebbuxi, daqsxejn imgħaxxex, moħbi taħt sider ommu, ma tħajjar ħadd minnhom titfa' għajnejh fuqu.

Rożina l-iktar li kellha għal qalbha l-iswed; mhux ħlief tmur tmissu; ħutha mill-banda l-oħra erħilhom imellsu liż-żewġt ifrieħ l-oħra, filwaqt li l-omm, flok ma kienet tqajjem sufha, u tagħmel wiċċ ta' tigra, li kieku kienu xi wċuh ġodda, kienet twaqqaf il-ħarsa tagħha fuqhom u f'għajnejha turi li qiegħda tieħu pjaċir b'dik il-kumpannija ta' tfal li donnhom ġew jifir-ħulha; fil-ħarsa ta' għajnejha kellha bħal tbissima, iżda meta mbagħad xi waħda minnhom kienet taħbat teħdilha xi wieħed mill-frieħ minn taħt sidirha biex tarah sewwa, l-omm għalkemm ma kenitx issemma' xi tgergira ċkejkna biex bħallikieku twissiha li tkun daqsxejn waħda iżjed prudenti.

Hekk trabbew għal xi żmien dawn il-frieħ tal-qattusa l-bajda mnaqqxa bl-iswed fost iż-żegħil ta' dawk it-tfal bniet li kienu jieħdu gost, min jaqbad wieħed u żżommu f'ħoġorha, u min jaqbad l-ieħor u terħih fl-art biex imbagħad tarah jitkarkar

ma' l-art ifittex 'l ommu, u din taraha tqum minn ġol-kaxxa u tmur kollha ħniena u taqbdu b'geddumha u minn daħru u ġġorru lejn il-bejta.

Malli tfarfru u snienhom setgħu jgerrmu xi xewka ta' ħuta u l-istonku tagħhom seta' jġerragħha, l-aħwa bniet erħilhom iżoqquhom u jdewquhom mill-ikel tagħhom, saħansitra, xi ħelwa li l-imnieħer ta' dawk l-imsejkna qtates kont tarah jitwarrab minnha malli xi ħadd mit-tfal iressqilhom dak ix-xorta ta' ikel ma' fommhom.

Iżda malli bdew iħossu l-hena ta' dik il-ħajja hekk tajba u ħanina, u bdew ukoll jidraw dak iż-żegħil, u dak l-ikel, barra minn dak li kienet tagħtihom ommhom, dawn l-imsejknin sefgħu f'daqqa waħda ltiema. Ommhom bdiet tħallihom 'l hawn u 'l hinn weħidhom u tfittex il-beraħ tat-triq u s-swar ta' l-inħawi; meta ħin bla waqt sabet il-mewt tagħha taħt ir-roti ta' trakk li kien għaddej filwaqt li kienet qiegħda f'nofs it-triq tgerrem ras ta' ħuta li sabet qalb iż-żibel mal-ħitan tas-sur fejn in-nies kienet tbattal il-landa taż-żibel.

Iċ-ċkejknin, iltiema mill-omm, wara xi żmien ħabtu jitmantru, għalkemm dejjem sabu lil dawk il-ħbieb li kienu jduru bihom u jżoqquhom. Iżda tnejn minn dawk it-tfal bniet, Delina u Tessie, li kienet l-akbar fost it-tlett ibniet, sabu biex jedhew ma' ħbiebhom ta' l-iskola, jew bniet oħra ġirien tagħhom, u ftit ftit, bdew jitbiegħdu minnhom u jħalluhom jingħu weħidhom. Xi wħud mill-ġirien tħajru jrabbuhom huma, u, hekk, bil-kunsens ta' Delina u Tessie, tnejn minnhom marru f'idejn oħrajn u taħt saqaf ieħor; it-tielet, il-bebbuxi, ħaditu Marì tal-bajd li riditu, għax minn għajnejh ratu li hu sajjied u fuq ruħu, u riedet iddarrih jaqbad il-ġrieden li bihom l-mandra tagħha kienet miżgħuda. L-iswed baqa' f'idejn iż-żgħira fost l-aħwa: Rożina, li ma riditx tinfired minnu, il-qattus l-Iswed li Rożina kienet tatu l-isem ta' Blackie. B'hekk, dejjem f'ħoġor sidtu, Blackie ma tantx ħass il-firda t'ommu u ta' ħutu.

Rożina ma kenitx toqgħod id-dar mingħajru. Malli tiġi mill-iskola, tixħet il-bagalja tal-kotba fuq siġġu, u erħilha tfittex lil Blackie u żżommu f'ħoġorha. Il-Blackie, mill-banda l-oħra, maż-żmien dara kull rokna tad-dar, idur u jgħarrex 'l hawn u 'l hinn. jiġri wara xi dudu li jkun lemaħ sejjer f'xi toqba biex jilħqu, jixxabbat ma' sieq ta' siġġu biex jitla' fuq il-mejda fejn omm Rożina tkun qiegħda tnaddaf il-ħut għall-qali jew tqatta' xi

laħam għat-tisjir, u għalhekk ħoġor Rożina ma kienx ikun dejjem il-hena tiegħu.

Sabiex dejjem iżżommu ħdejha u ma jaħarbilhiex kultant kont tara lil Rożina tfittex li ġġagħal lill-ħabib tagħha jedħa b'xi ħaġa li tgħodd għal gostih. Kienet għalhekk torbotlu ma' spaga xi ġugarell milli kellha, għamla ta' fekruna jew ġurdien, biex tarah jiġri warajh malli ċċaqalqu u tkaxru ma' l-art, jew tixħetlu xi boċċa ma' l-art, biex tarah jiġri warajha u jilgħab biha b'dufrejh.

Għal filgħaxija ma kenitx tidħol fis-sodda qabel ma tqiegħdu ħdejha, filwaqt li hu kien ifittex li jidħol taħt il-għata għas-sħana u jongħos b'dik it-tgergira ta' *frun frun*. Iż-żegħil ta' Rożina u d-drawwa li dejjem tridu magħha, lill-qattus, xi mindaqqiet kienu jdejquh; imma Rożina ma setgħetx tifhimha li l-qattus, malli jibda jitfarfar, ma jibqax dak il-ħabib ta' rabta kif wieħed jista' jaħseb li hu—dejjem lest biex jagħmel dak li trid int u jaqdi l-kapriċċi tiegħek. Tarah għalhekk, li malli jisma' ħoss ta' platt jaqbeż minn fuq ħoġor Rożina biex jara jlaqqatx xi ħaġa li tgħodd għal żaqqu. Issejjaħlu lanqas l-iċken widen ma jagħtik. Fil-għodu, malli jisma' jinfetaħ xi bieb li jagħti għat-taraġ tiġih ix-xewqa li jitla' fuq, minn hemm isib it-taraġ tal-bejt, u, jekk jinzertah miftuħ, jaqbeż għal fuq it-tromba tat-taraġ minn fejn jagħti ħarsa lejn il-bjut tad-djar ta' taħtu u jiftaħ imnifsejh jitgħaxxaq b'dik id-dehra tal-beraħ u bl-arja friska li tħennih. U Rożina tfittxu. Imma l-Blackie, li issa laħaq kibrilha, kien wasal ukoll f'dak iż-żmien ta' ħajtu li jurik li ma jrid jaf bl-ebda rabta man-nies li magħhom trabba u magħhom issa qed igħix. B'danakollu, huwa ma jitbiegħedx u lanqas ma jitlaq minn dik id-dar, u dejjem isib x'jiġbdu u jżommu marbut magħha— l-iktar waqt l-ikel fil-kċina fejn Rożina tlestilu l-plattin ta' l-ikel: xewk tal-ħut, ftiet tal-ħobż bis-sugu tal-laħam. Tarah xi mindaqqiet idum il-ġranet imrekken fejn omm Rożina meta din tkun qiegħda traqqa' xi ħwejjeġ jew tħit. Lil Rożina ġew waqtiet li ma baqax ifittixha; sar iżjed iħobb joqgħod fuq il-fuklar maġenb il-kuċinieri fis-sħana, l-iktar fix-xitwa, milli f'ħoġor Rożina. Blackie mhux bħall-klieb, iżda bħall-qtates l-oħra, dak li jagħmel mhux biex jogħġob lil sidtu imma biex jogħġob lilu nnifsu, u għall-kapriċċi tiegħu; ngħidu aħna, tarah imur f'ħoġor Rożina meta din ma jkollhiex ħsiebu, iżda mbagħad qajla tarah jekk din tmur tfittxu biex tpoġġih ħdejha jew traqqdu fejnha. U jekk jirnexxilha taqbdu u żżommu, Blackie jagħmel ta' bilruħu

li qagħad mans u jagħlaq għajnejh, iżda malli jħoss li sidtu rħietu minn idejha, *pluff*, jaqbeż qabża minn ħoġorha u ma taraħx iżjed b'għajnejha.

Fejn hu Blackie? Telaq jiġri, ra l-bieb ta' barra miftuħ u għab ifittex il-kumpannija ta' qtates oħra fuq is-swar.

Haġ'oħra li forsi Rożina ma setgħetx tifhem fid-drawwiet ta' Blackie hija n-nuqqas ta' interess li jieħu l-ħabib tagħha f'dak li jiġri fid-dar. Jiġri x'jiġri, jinkiser platt, iwaġġa' xi ħadd mit-tfal għax waqa', tibki Rożina għax tilfet il-labra tad-deheb li qalgħet strina minn għand il-parrina, jew għax għajtet magħha l-mamà, jokrob xi ħadd fis-sodda bl-uġigħ ta' ras, għaddejjin l-ajruplani b'ħoss li jwerwer, għagħa ta' nies għax għaddejjin kmieni bl-Irxoxt, Blackie mimdud jixxaħxaħ fuq is-sodda jew fejn xi kitla bil-misħun fuq il-fuklari, jibqa' bla ma jitħarrek, rieqed kien u rieqed jibqa'. Għalhekk mhux l-ewwel darba li Rożina kienet tmur iċċaqalqu u tieħdu fejnha, ukoll meta marida biex tedha bih, u Blackie, bis-sabar kollu, jiftaħ bil-kemm għajnejh u juriha li ma tantx jogħġbu min itelliflu n-nagħsa ħelwa tiegħu.

Hija ħaġa magħrufa li l-qattus iktar hu miġbud lejn id-dar fejn trabba milli lejn in-nies li jkunu rabbewh jew li jgħammar magħhom, u jekk jiġri li dawk in-nies jitilqu minn dik id-dar, u jeħduh magħhom, mhux l-ewwel darba li jerġa' jfittex imur fid-dar li fiha trabba. Hemmhekk daru fejn laħaq trabba u dara jgħix. Id-drawwiet tiegħu juruk li huwa ma jaf bl-ebda dar oħra, dik biss li hija għal qalbu. Huwa li iktarx għandu ġibda lejha iktar min-nies li jgħammru fiha, u li fiha jrid jibqa' jgħix, donnu jrid jurik li dik id-dar hija tiegħu kollha kemm hi iktar milli hi ta' sidha, bil-jedd li jgawdiha u jgħammar fiha kollha kemm hi, mill-kantina sa fuqnett: kull kamra u rokna li fiha d-dar, sa fil-ġnien fejn tarah jixxabbat ma' kull siġra, mal-kannizzati u mal-ħitan ta' bejn il-ġonna — f'kull naħa fejn bil-kemm jista' jitla', sa fuq it-turretta ta' l-ogħla bejt, fuq l-aħħar ġebla tal-kantuniera, tat-terrazzin, u jekk hemm isib wisa' biżżejjed biex jiġbor l-erba' saqajn taħt sidru, joqgħodlok bi kwietu hemmhekk, ukoll fl-iktar quċċata perikuluża biex jurik li huwa għandu l-lala li jiġġerra u jpoġġi fejn irid hu u jogħġbu, u li hu s-sid tad-dar, bl-inħawi kollha tagħha!

Għalhekk il-qattus jaraha bi kbira li jinfired kif ġieb u laħaq minn dar torbitu. Jekk in-nies li jgħammru fiha, mument jew ieħor jitilqu ftit iħabbel rasu, hu jibqa' ma' min wara jidħol

flokhom, u jekk ifettillu jmur f'xi dar oħra fil-qrib, taraħ jibqa hemm għax isib li f'dak il-post il-ġdid is-sajda tal-ġrieden iżjed tħajru għal xi qabda kbira.

Dana Rożina u niesha qajla setgħu jifhmuh, u ma setgħu qatt jifhmuh ħlief meta, ħin bla waqt, kellhom iħallu lil darhom u warajhom iħallu wkoll lill-maħbub Blackie, filwaqt li dan kien ilu barra mid-dar in-nofs ta' nhar kollu f'dik il-lejla li kellhom jitilqu mid-dar bla ebda ħsieb u jġorru ħwejjiġhom lejn dar oħra 'l bogħod.

* * *

L-għodwa tal-11 ta' Ġunju ta' l-1940 sebħet b'sema mimli ħsejjes ta' treddin ta' ajruplani jaqsmu l-ajru tal-gżira ta' Malta u ta' tfaqqigħ ta' bombi li qajmu mis-sodda lil min kien għadu kif bexxaq għajnejh. Kulħadd ifiġġ mill-bibien u mit-twieqi jistaqsi x'ġara. In-nies damet ma ntebħet li faqqgħet il-gwerra u li l-għadu kien sebaħ iħebb għall-gżira. Matul in-nofs ta' nhar instema' li xi djar 'l hawn u 'l hinn iltaqtu u ġġarrfu bl-attakki tal-għadu mill-ajru u xi nies inqerdu wkoll. In-nies ta' l-ibliet, u l-iktar ta' Bormla, l-Isla u l-Birgu, li fuqhom deħret l-ewwel tehdida ta' attakki, ħasbu biex iwarrbu minn djarhom u jfittxu kenn 'il bogħod mill-periklu. Għal filgħaxija ta' dak il-jum xi bombi waqgħu madwar is-swar ta' bejn it-trufijiet tal-Birgu u Ħaż-Żabbar, u n-nies ta' dawk l-inħawi dik il-lejla stess, min kellu fejn jistkenn taħt xi saqaf ieħor, fittex li jiġbor ħwejġu u jitlaq.

Fost dawn in-nies, Feliċ u Ġuża, il-missier u l-omm ta' l-erbat aħwa, Fredu, Tessie, Delina u Rożina, ħasbu wkoll dik il-lejla stess biex iħallu lil darhom u jitilqu lejn l-Imdina fejn kellhom daqsxejn ta' dar fil-ġenb tas-swar li jħarsu lejn l-Imtarfa. Malajr malajr, għalhekk, il-missier u l-omm ħabirku biex jikru trakk ta' bniedem li sabu fil-qabda, u li soltu jġorr l-għamara u jgħabbuh b'xi ħwejjeġ, għodod tal-kċina u kulma deħrilhom li jkollhom bżonn, u flimkien ma' l-erbat itfal ifittxu jitilqu bil-ġirja lejn l-Imdina. It-tlitt itfal bniet, fosthom l-iktar Rożina, qabel ma telqu, daru mal-kmamar u ma' l-irkejjen kollha biex jiġbru lil Blackie, iżda Blackie kien għadu barra ; ħarġu jfittxuh, sejħulu għal darba u tnejn, iżda Blackie ma deherx. Kemm xtaqu jeħduh magħhom u ma jħalluhx warajhom dak l-imsejken ta' qattus! Il-ħsieb li sa jagħlqu l-bieb ta' darhom.

min jaf għal kemm żmien, u jħallu warajhom dak l-imsejken ta' Blackie, jiġi u jsib il-bieb tad-dar magħluq, taħt xita ta' balal, bla ħadd ma jiġbru taħt xi saqaf biex jistkenn, bla ħadd ma jitimgħu, dak il-ħsieb sewwed mhux ftit il-qalb tat-tlitt ibniet, li ma xtaqux jitilqu qabel ma jsibuh u jġorruh magħhom. "Ejja nistennewh, forsi jiġi ma jdumx..." bdew igħidu qalbhom miksura. Imma l-missier u l-omm ma kellhomx sabar jistennew. Il-biża' ta' xi attakk aħrax tal-għadu għalgħarrieda f'dawk l-inħawi ta' periklu, it-treddin ta' l-ajruplani għaddejjin minn fuq rashom jiġġerrew 'l hawn u 'l hinn biex igerrxu l-għadu, ġagħluhom ifittxu jitilqu bla telf ta' żmien. Kienu għabbew bil-għaġla kulma setgħu, bilkemm kien fadal wisa' fuq it-trakk biex jirkbu lkoll. Ħoss ta' bomba fil-bogħod, u t-treddin ta' qatgħa ajruplani oħra għaddejjin jiġru hekk kif lemħu, b'riħet id-dawl tas-*searchlights*, lil dak tal-għadu 'l barra mill-port jaħarbu mill-balal tal-kanuni tar-Rikasli u ta' Sant'Jermu, ġagħlet lil dawk in-nies ifittxu jagħlqu l-bieb tad-dar u jirkbu lkoll, jitilqu u jaqbdu t-triq għar-rotta ta' l-Imdina.

Kienu l-għaxra ta' bil-lejl. Il-missier u l-omm ħadu nifs qawwi u bħal ħassew irwieħhom mistreħin mit-taqtiq ta' qalb kbir ta' dik il-lejla, u ma qagħdux jaħsbu jekk ħallewx warajhom xi ħaġa li forsi nsewha u setgħu jiġu bżonnha. L-aqwa li wieħed laħaq ħarab mill-periklu u dabbar rasu. Iżda l-bniet, u l-iktar Rożina, ma setgħux jissabbru bla ma jkollhom magħhom lil Blackie. It-triq kollha jgergru u jisgħobbihom għax ħallew warajhom lil dak l-imsejken ta' qattus! Xejn ma qagħdu jġibu quddiem għajnejhom kemm qablilhom li telqu minn dik id-dar li minn mument għal ieħor setgħet tiltaqat minn xi bomba tal-għadu u tordomhom.. mill-periklu li ħelsu minnu... moħħom baqa' dejjem iħewden fuq dak il-ħali ta' qattus. "Min jaf fejn mar jistkenn meta reġa' lejn id-dar u sab il-bieb magħluq; u ma ġibniehx magħna... min jaf kemm dam jingħi wara l-bieb". Hekk bejn wieħed u ieħor bdew igħidu bejniethom dawk it-tlitt aħwa bniet huma u sejrin matul it-triq.

Kien għoddu qorob il-ħin tal-ħdax u nofs ta' bil-lejl meta fl-aħħar waslu l-Imdina fid-daqsxejn ta' dwejra li kellhom hemmhekk. Feliċ, il-missier, niżel minn fuq it-trakk u fetaħ il-bieb beraħ; dlonk huwa u r-raġel li saq it-trakk flimkien ma' l-omm u t-tfal qabdu jħottu t-tagħbija u jitfgħu fejn ġie ġie biex l-għada, malli jisbaħ, jitqiegħed kollox f'loku.

Dak il-lejl, għajjenin, imħeddlin minn dak it-taħbit u qtigħ ta' qalb, dawk in-nies, wara li nfatru b'dak id-daqsxejn ta' ikel li setgħu jlaqqtu, inxteħtu fuq mitraħ fl-art, u dlonk l-għeja u n-ngħas għalqilhom għajnejhom.

It-tfal, fosthom Rożina u Delina, damu ftit ma raqdu, iħewdnu fuq Blackie... u bih ħolmu... ħolmu li dak l-imsejken, meta reġa' lura lejn darhom u sab il-bieb magħluq, semgħuh jingħi u jingħi fuq il-għatba tal-bieb u jsejħilhom bit-tnewwiħa tiegħu minn fuq l-ispral1 tal-kantina... Kultant, meta jistenbħu, waħda lill-oħra tistaqsi: "Min jaf, miskin Blackie... issa min sa jitimgħu... fejn sa jorqod?... Issa ma jsibx lilna, jitrekken magħna fuq is-sodda. Imissha tolqtu xi balla..." Fl-aħħar kienu jerġgħu jagħlqu għajnejhom, iżda jibqgħu joħolmu bih il-lejl kollu.

Mat-tbexbix tal-għodwa, kif ħarġu mill-friex u sabu rwieħhom taħt saqaf ieħor, bit-treddin ta' l-ajruplani għaddejjin minn fuq rashom, filwaqt li l-missier u l-omm bdew jiġbru ħwejjiġhom u jqegħduhom f'posthom, qalbhom dejjem ittaqtaq li minn ħin għal ieħor issejħilhom is-sirena biex imorru jdabbru rashom ġewwa xi kenn ta' taħt il-mina tas-sur li kien hemm f'dawk l-inħawi, dawk it-tfal ħassew iktar kiefra u morra dik il-firda minn ħbiebhom ta' l-iskola, jew ġirien tagħhom, u l-iktar Rożina u Delina, mill-ħabib tagħhom Blackie.

Hekk għaddew il-ġimgħat b'dak it-taqtigħ ta' qalb, b'xi bxajjar 'l hawn u 'l hinn ta' bombi mitfugħin mill-għadu fuq djar ta' bliet u rħula, fosthom ta' djar ġo l-Isla, il-Birgu u Bormla, fejn xi nies intradmu qalb il-ħerba tal-ġebel. Ġew waqtiet li kienu jaslu wkoll xi aħbarijiet koroh ta' attakki ħorox fuq it-tarzna u fuq il-bastimenti tal-gwerra u x-xtut tal-gżira, u n-nies dejjem fuq ix-xwiek u mbeżżgħa jekk fost dawk kienx hemm xi wieħed mgħobbi bi proviżjonijiet għan-nies tal-gżira.

Wara xi xhur waqgħet bħal ħemda fuq l-ajru tal-gżira u n-nies serrħet rasha minn dak il-biża' li kienet tħoss tul il-granet u ljieli, deħlin u ħerġin ġewwa l-kenn ta' taħt il-blat jew ta' xi mina ta' ħdejn is-swar—igħaddu l-iljieli bla ma jagħlqu għajnejhom.

Delina u Rożina wkoll ħassew qalbhom tistrieħ u ttir bil-ferħ meta semgħu lil missierhom u ommhom jiftiehmu biex bla

telf ta' żmien, dment li kien hemm dak is-skiet ta' attakki fl-ajru, jaħsbu jmorru mawra sad-dar biex iġibu xi ħwejjeġ oħra li bil-għaġla kienu ħallew warajhom qabel ma telqu għall-Imdina. "Iva, papà, iva mamà, niġu magħkom", infexxew igħajtu dawk iż-żewġt ibniet kollhom ferħana.

L-għada filgħodu kmieni kmieni, il-missier, l-omm u t-tlitt ibniet u t-tifel telqu bix-*char-à-banc* minn fuq is-Saqqajja għall-Belt u mill-Belt għall-Bormla. Kellhom mitt sena sakemm jaslu għax beżgħu li sa jsibu l-bieb ta' darhom miftuħ beraħ jew imfarrak bir-riħ ta' xi bomba, bħalma ġara f'xi djar ta' dawk l-inħawi. Kif waslu, sabu rwieħhom bħal ġewwa xagħri... baħħ kull fejn tħares... il-biċċa l-kbira tad-djar battala... ħlief xi dar 'l hawn u 'l hinn b'xi nies li kienu għadhom hemm għax kienu għadhom ma sabux fejn ideffsu rashom band'oħra. Il-bieb ta' darhom sabuh magħluq u sħiħ kif kienu ħallewh. Għaġġlu fetħuh ifittxu jiġru dawk il-ftit ħwejjeġ li kellhom bżonn jiġbru u jitilqu qabel ma jinqala' xi attakk mill-ajru. Iżda Rożina u Delina, u magħhom l-aħwa l-oħra, dlonk erħilhom għal fuq is-sur u fuq il-ħitan tal-għelieqi jistħarrġu u jfittxu lil Blackie u jsejħulu. Waħda mara ħarġet mir-rixtellu ta' razzett, u, wara li staqsewha jekk ratx xi qattus iswed f'dawk l-inħawi, qaltilhom li dlonk kienet taraħ jaqbeż il-ħitan u jidħol fil-mandra u fil-għorfa tagħhom jingħi bil-ġuħ.

Stħarreġ minn hawn u stħarreġ minn hemm, fl-aħħar Blackie feġġ minn taħt ħarruba, u, malli lemaħ lil dawk l-uċuħ li minn dejjem kellhom ħniena minnu u għożża għalih—nies li kien ilu jfittex għalxejn u jnewħilhom wara l-bieb ta' darhom, dlonk qabeż għal fuq il-ħajt tas-sejjieħ u minnufih sab ruħu f'ħoġor waħda minnhom, li flimkien ma' ħutha, telqu jiġru bih lejn id-dar u jgħajtu bil-ferħ: "Sibnieh, sibnieh". Il-ftit fdal ta' l-ikel li kienu ġiebu magħhom xeħtuhulu f'rokna u Blackie ma damx ma belgħu.

Il-missier u l-omm, li kienu ġabru kulma ħtiġilhom ġewwa żewġ bagalji u f'xi qfief, ġagħlu lit-tfal jiġbru malajr ħwejjiġhom, u għabbewhom b'xi qfief. Lil Blackie xeħtuh ġewwa ċurniena, u, wara li għalqu t-twieqi u l-bieb ta' barra, telqu għall-Imdina.

*(Jissokta)*

# ĠRAJJET TROJJA

Maqluba għall-Malti

Mill-Iliad ta' Omero

*Minn* LOUIS AZZOPARDI

## L-EWWEL TAQSIMA

VERSI 1...........247.

Il-maqdur għadab int, O Musa, għannili
T'Akille, bin Pelew, li fost il-Griegi
Il-mewt u n-niket nissel; nies qalbiena
Bikrin iġġarrfu fl-Orku w fl-art mitluqa
Ġisimhom tmermer, għalf moqżież għall-isqra
U 'l-klieb imġewħa! Hekk kien amar Ġove
Mill-qċaċet ta' Olimpus, malli sfieqi
Tilwim għejjur u mgħajjeb fired ħesrem
Il-kbir sultan Atrew mill-alla Akille.
U liema fost l-allat għellithom? Iben
Latona w Ġove. Tgħaddab wisq għal Ġove
Apollo, u t-tined niġġes b'mard qerriedi.
U bdew imutu n-nies. T'Atrew il-ħtija,
Għax mħanfes, żeblaħ kien in-nabi Krise.
Moqbejl mar Krise jżur lix-xwieni lventi
Tal-Griegi miġburin, biex fis lil bintu
Minn jasar aħrax jifdi. F'idu t-terħa,
B'debbus imdieheb tal-qawwas Apollo
Il-Griegi kollha talab, iżda qabel
Lill-oħla żewġ mexxejja fost il-ġemgħa
"Ja Griegi" qal "J'Akej imxeddin sdvali,
Dejjiema lilkom tas-smewwiet l-għammara
Ta' Priamu jgħinu ħalli tirbħu
Il-belt, u rebbeħin toħorġu bilġri.
Jaħasra! Agħtuni lill-maħbuba binti!
Kemm tridu tagħha nagħti, u l-qawwasi
Bin Ġove, ilkoll annuna nqimu. Talbtu
Instemgħet bla mistoqsi w ġiet milqugħa.
Infexx kull fomm igħajjat: "Dan jistħoqqlu
Li ntuh kull ġieh, u nilqgħu t-tinwil xieraq".
Xejn iżda talbtu għall-fehma t'Agamemnon
Ma kienet f'waqtha. Kollu mqit u kburi
Keċċieh dikment, u mħanfes, qabad jgħajru.
"Ja xwejjaħ, tħallinix biswit ix-xwieni
Kemm issa w għall-ġejjieni narġa' nilmħek,
Għax qed nitħasseb x'jiswa 'd-debbus t'idek,
U t-terħa t'alla tiegħek. Xejn tittama

Li x-xbejba għad tinfeda. Bogħod minn artha
Imkissra f'Argo tkun fix-xogħol ta' dejri
Sakemm titkarmas fi xjuħija mqarqċa,
U tedha mħammda thejji soddti rjali.
Iss' itlaq, tgħaddabnix, jekk tixtieq darek".
Ix-xwejjaħ r'għex u tkexkex. Fis għall-amar
Fuq sidru dlonk ir-ras qotnija miegħel,
U mbikkem qarreb lejn il-plajja mwarrba
Għall-frugħa mqallba w mraxxa b'mewġ felħani.
U meta tbiegħed, lill-meqjum Apollo,
It-tifel ta' Latona, b'ħerqa talab.
"O alla ta' l-imfidded qaws, li Krisa
U s-sbejħa Ċilla tħares; int ta' Tendu
Sultan felqan, minn Sminte, iddew ismagħni!
Jekk dejjem b'ħodon ward għad-debħiet tiegħek
Żejjint il-maqdes ħlejju; jekk b'għeġejjel
U b'ngħaġ sebbaħt l-imdabaħ safja w mfewħa,
Wettaqli xewqti mnikkta. Mhux li l-Griegi
Bi dmugħ ta' demm iħallsu għaċ-ċanfira,
U l-vleġeġ tiegħek fosthom ħerba jnisslu!"
Hekk qal x'ħin talab. Semgħu Febu w niżel
Minn trufijiet Olimpus jilheġ b'għadab,
Bil-qaws fuq kitfu w b'watar mimli vleġeġ.
Tkarwit tal-waħx instema' tul mixjitu
Ma' kullimkien idamdam; biża' nxtered
Qalb l-imgħaġġbin b'għajnejhom igħarrxu l-beraħ,
U bħal imherwla jsaqsu bla ma jwieġbu
Sakemm qajl qajl bħal f'lejl mudlam inħafnu.
Quddiem pruwiet ix-xwieni l-alla twaqqaf,
U q'għad bla ħniena jxewlaħ 'l hinn il-vleġeġ.
U twaħħdu l-ħsejjes taż-żarżir imqaddeb
Mal-fewġa rqiqa tal-għoljiet għariba
Bix-xrar jittajjar minn ġol-qaws imfidded!
Għad-dwieb u l-klieb tal-ġiri ħabat l-ewwel,
U wara q'għad inaqqi ż-żgħażagħ griegi
Bil-vleġeġ mogħnijin bi rjus qattiela.
Għalhekk fl-inħawi kollha, qrib u mbiegħda,
Il-ħġejjeġ tkebbsu bl-iġsma tal-maqtula.
Disat ijiem inxteħtu fost il-Griegi
Ta' l-alla l-vleġeġ. Biex flimkien jiltaqgħu,
Fi l-għaxar jum, Akille l-kbarat laqqa'
Għax it-tagħrif li kellu lilu ngħata
Mis-sbejħa Ġuno, tad-dirgħajn bajdana,
Għall-Griegi miġruħin ħanina w mbikkma.
Kif waslu lkoll u f'ġemgħa tqawru, f'nofshom
Bil-wieqfa qam Akille w qal ħabrieki:
"Ja bin Atrew, jien tabilħaqq qed nifhem
Li għandna nxewlu fis lejn art twelidna.
Jekk lanqas biss mill-mard m'aħniex meħlusa!
Għax ġlied u mard, it-tnejn għedewwa kiefra,

Flimkien jegħlbuna. Isaw, dikment infittxu
Bassar nistaqsu, jew qassis, jew bniedem
Li l-ħolm ifisser, għax ukoll minn Gove
Il-ħolm jaslilna, biex bla ħabi juri
Għaliex t'Apollo l-għadab b'hekk ħruxija.
Jew jekk b'nuqqas ta' talb; b'debħiet imwaħħra;
Qigħedx jixlina l-alla; u waqt li jilqa'
Debħiet ta' ngħaġ u baqar li nagħżlulu.
Ibigħedx minna l-mard li lkoll ħakimna".
Kif temm bilqiegħda ntasab. Dlonk ix-xwejjaħ
Kalkante, bin Testorju, qam bilwieqfa,
Fost il-bassara l-egħref. Xejn għal għaqlu
Mistur, li hu, li kien, jew tal-ġejjieni!
U għax imżejjen kien b'qawwiet ta' nabi,
Imħiba xierqa lilu minn Apollo,
Lix-xwieni griegi wennes kien lejn Trojja.
Fin-nofs tal-ġemgħa ħareġ kemm jitħarrek
Iwieżen kliemu mtaqqal b'għerf u b'sabar.
"F'imħabbet Gove, Akille ta' qalb twajba,
Tixtieq li tas-setgħan qawwas Apollo
Bi l-għadab ngħarrfek dlonk? Naqdik jien bilġri.
Ta' driegħek u ta' kelmtek kull għajnuna
Minn qabel kollox aħlef li tagħtini,
Għax dak li hawn qed jaħkem fuq nies Argo
B'kull jedd ta' setgħa, ukoll mill-Griegi mbiġġel,
Jitħarrax jista' wara li ntemm kliemi.
Kull darba li s-setgħan mad-dgħajjef tmeżmeż
Leħħet mibegħdtu liġġem biss bid-dieher
Sakemm il-waqt tal-ħlas mistenni jasal.
Tħarisni minn kull hemm nitolbok twegħidni".
"La tibża' xejn titkellem, xwejjaħ għaref",
Akille wieġeb, "u l-miġmugħ ta' qalbek,
Ikun xi jkun, bla dieqa xandru. Naħlef
B'Apollo, b'dak li lilek xejn ma jċaħħad,
U l-għamad tal-mitur iċarrat ħesrem
Biex b'fommok ħieles, nabi, tfissirhulna.
Għalhekk b'Apollo, wisq għażiż għal Gove,
Naħliflek bla tlaqliq. Sakemm jibqagħli
Go fija ħjiel ta' ħajja w dehen ta' bniedem
Ħadd minna hawn, quddiem ix-xwieni, lilek
Ma jdarrab, jew iġerraħ, jew inassas,
Ukoll jekk kliemek jolqot 'l Agamemnon,
Li fost is-srabat igħid li hu l-aqwa wieħed".
Għalhekk ħa r-ruħ it-twajjeb nabi w tkellem:
"Mhux għad-debħiet li nqasna nagħtu 'l alla,
Jew għal wegħdietna fiergħa r'għex u tgħaddab,
Iżda għat-tgħajjir li qabel Agamemnon
Bla rażan ta lix-xwejjaħ nabi tiegħu
Li hawn biex jifdi 'l bintu ġie, u mżarġan
Il-fidwa ċaħad. Din il-ħtija kollha

Ta' l-għawġ u n-niket, u ta' mwiet kotrana
Li fil-ġejjieni għad jimlew it-tined,
**Għalina maħsubin mill-qaws imqaddes,**
Jekk dellu mtaqqal biex igħaddibna jibqa'
Idallam triqtna lejl u nhar bla hedu;
U ma tintbagħatx it-tfajla, minnu mħarsa,
Bla raħan mifdija, f'ħdan maħbub missierha;
U debħa għal Krisa titlaq ta' mitt bhima.
X'aktarx, imb'għad, li b'hekk lill-alla nogħġbu,
U hu jaħfrilna w l-għadab mqabbas jinsa,
U strieħ x'ħin temm. T'Atrew il-meħjel kburi
Sultan fuqani twaqqaf Agamemnon
Tassew mikdud. U sidru bl-għira tħarħar,
U bħal ġamriet ta' nar għajnejh fis żebbġu:
X'ħin sammar ħarstu fuq Kalkante w beda:
Ja nabi tat-tmaqdir, qatt l-iċken klejma
Minn fommok ħarġet li xi ħadd laqagħha!
Għal qalbek kiefra dejjem kien wisq ħlejju
Li tbassar kliem il-hemm! Bla qima w siwi
Twiddibek jibqa' kif ukoll tbassirek!
U int, hawnhekk, lill-Griegi jemmnu tridhom
Li mhux għajr Febu li qed idarrabhom
Għax kont jien biss li ċħadt tat-tfajla s-sbejħa,
Bint Krise, il-fidwa! Xehewa kelli jiena
Li fl-għana nżommha miegħi, għax għalija,
Ukoll lil Klitemnestra, li f'żgħożitha
B'għarusti w b'marti ħadt, bilwisq hi tisboq.
Xejn anqas f'surtha sbejħa, jew fil-ħila
Tan-newl u r-rakkmu mħarrġa, xogħol in-nisa!
Tinħeles iżda jekk din l-aħjar ħalla,
Għax jien il-ġid infittex, mhux il-qirda
Tal-ġnus miġburin taħti. Hejju iżda
Malajr il-ħlas, għax fost il-Griegi waħdi
Bla ħlas li nibqa' qajla x-xewqa tiegħi!
U lanqas ma jkun sewwa li dil-ġawhra
Li ksibt, araw, tinsteraq minn idejja"!
"Tassew int rgħib kif tabilħaqq int kburi,
Atrew qalbieni" wieġbu hemm Akille.
"Ħlas kbir għalik inwarrbu w b'liema għożża
Qlubitek tkun imfakkra! S'issa jiena
B'ħażniet ta' ġid ma nafx li mhux imqassam!
Għax ta' l-ibliet mirbuħa r-rahan ittieħed,
U xejn m'hu xieraq li mill-ġdid jinġabar
Għal tqassim ieħor xejn mixtieq mill-għaqda!
Imm'int ibgħatha lil ilsirtek sbejħa,
U tara kif fil-jum li Ġove jtina
L-imkabbra Trojja nirbħu, dejna miegħek
Ikun tassew bla tmiem, u jkun jixraqlek".
U lilu bin Atrew: "Tiddiħakx bija,
Għalkemm meqjus fi kliemek, u f'dil-ħaġa

Għemili la żżeblaħx, meqjum Akille,
U la ġġegħelnix għal kliemek rasi mmil,
Mel'int se żżomm ħażnietek, u jmiss lili
Li waħdi niċħad tiegħi! U fuq kollox
Twiddibni wkoll li t-tfajla tintb'għat lura!
U hekk isir. Jeħtieġ li l-Griegi flokħa
Ilsira oħra jtuni, li tkun tiswa
Daqs dik li għandi, u xewqti taqta' bħalha!
Imm'hekk tonqsuni, żgur li jien nisraqha,
Sew jekk tkun dik t'Ajaċe, jew t'Ulisse,
Jew jekk ukoll tkun tiegħek. 'L min nisraqha
Xejn ma jiswielu jekk bil-għadab jirgħex
X'ħin b'setgħa ta' sultan f'għarixu nidħol!
Fuqek biżżejjed. Fis jitgħammar xini
B'qaddiefa mħarrġa, u fit-tbaħħir imġarrab,
U titla' fuqu, mad-debħiet ta' bhejjem.
Bint Krise s-sbejħa, ta' ħaddejha ħomor.
U x-xini jmexxi fuq mewġiet il-baħar
Xi wieħed mill-kbarat qalbiena tagħna,
Ajaċe, jew Idomenew setgħani,
Inkella Ulisse mill-allat imnissel,
Jew int ukoll, bil-wisq qalil Akille,
Biex b'riħt dil-wirja tal-meqjum din tagħna
Jithenna l-alla li mill-bogħod jgħakkisna".
Qalila ħarsa tah Akille w wieġbu:
"Ja ruħ bla xejn mistħija, ruħ bla xaba'
Min qatt fost wild il-Griegi jkun hekk ġifa
Li jqim amarek, jew minn għantha x-xafra
Habrieki jislet biex jaqdik f'tnassisek?!
Jew jagħti ħajtu għalik f'xi silta oħra?!
Hawnhekk ma ġejtx b'mibegħda għan-nies ta' Trojja!
Jien le! Ma sibt qatt fihom l-iċken ħtija!
La żwiemel, jew merħliet qatt lili serqu,
U lanqas qaċċtu w ħarbtu wċuh ir-raba'
Għammiel u saqwi ta' l-imgħammara Ftija!
Għax bosta għoljiet dellija hemm bejnietna,
U ixqfa t'ibħra mqallba jifirduna!
Għall-qligħ waħdani tiegħek biss, ja sfieqi,
U biex inġeddu ġieħ ħuk Menelao,
Flimkien ma' tiegħek, ja gemgmumi mgħajjeb,
Baħħarna s'hawn warajk, u sa xtut Trojja
Biex tiġbor dejn ta' qerq wennisna triqtek.
U l-lum qed tkasbar bla meqjus għemili
U tgħaffġu taħt saqajk! U thedded lili
Bis-serq ta' ġidi, ħidma t'għaraq ġbini,
Li l-Griegi tawni b'ħajr u b'ħlas waħdani!
Ma kont nistħajlu qatt li jkun daqs tiegħek
Fil-jum li l-Griegi jirbħu l-għanja Trojja
Għalkemm hu akbar sehmi f'dal-ħbit kiefer!
Kull meta r-rebħ ikun bejnietna mqassam

Tkun tiegħek l-ikbar, l-iċken dejjem tiegħi,
U jkolli ngħożżha bla ma rrid il-kisba!
U x'sewa qatt li ngerger lura f'triqti,
Mifluġ bil-għeja, u b'ħwejġi kollha dmija,
Xewqan għal soddti biex fl-irqad nisteqjer?
Għal Ftija nitlaq bla ma xejn naħsibha
Għax aktar jiswa nbaħħar lura għal arti,
Hakkiem ta' niesi w ħieles minn kull rabta,
Flok noqgħod hawn, qaddej, ġemmiegħ imżeblaħ
Ta' għana w ġid għal bniedem li jkasbarni".

---

## LILL-ARLOĠĠ

*Ta'* A. CREMONA

*(Versi bil-Għarbi ta' Aħmad al-Safi al-Naġafi minn Iraq.—
Minn traduzzjoni bl-Ingliż tal-Prof. A.J. Arberry)*

Arloġġ mikdud bil-mixi tiegħek tal-qies,
Waqfien, mistrieħ int m'għandek xejn bħan-nies;

Int dejjem mgħaġġel u ma jfixklek ħadd,
Saqajk ġerrejja, ħfief, ma jagħltu qatt.

Il-jiem u ljieli tagħna kollha tiegħek,
Teqridhom bħal għedewwa, iġġorrhom miegħek.

L-irqad hu xabla li taqsam ħajjitna.
Int le ma torqod bħalma trid saħħitna? —

Li kont tisker bl-inbid, inbid nisqik;
U x-xhur u s-snin ukoll jiskru ġo fik.

U meta jorqdu n-nies, inti tistrieħ,
Jorqod l-inbid bit-tazza wkoll sal-qiegħ.

Imbagħad waqt li rieqed, il-lejl u l-jum
Ikunu għalik ħolm ħelu ta' kuljum,
U lilna toħlom sa ma d-dinja ddum.

# REĊENSJONIJIET

**"JACOPONE DA TODI"** tal-Pad. Lett. Dijonisju Mintoff, O.F.M. Union Press, Valletta.—1961. Paġ. 16.

Dan hu ktieb ta' tagħlim ieħor maħruġ mill-Patri Dijonisju Mintoff O.F.M. Kif Patri Mintoff igħid lil min jaqra, hu ma kitibx dan il-ktieb minn rasu, iżda qalbu għall-Malti mill-oriġinal bit-Taljan ta' Giovanni Papini, awtur magħruf ħafna għax-xogħlijiet ta' bixra kritika letterarja.

Dan il-ktejjeb ma jittrattax fuq il-ħajja ta' Jacopone, imma hu apprezzament tal-ħidma, il-ħsieb, il-fehma, il-poeżija u l-mistiċiżmu ta' dak l-iben imnebbah ta' San Franġisk t'Assisi.

L-awtur jirrakkonta dwar il-bidla ta' Jacopo Benedetti, student f'Bologna, avukat prim, raġel ta' sinjura sabiħa, l'Patri Jacopone, terzjarju Franġiskan, penitent, isofri ż-żebliħ u l-ħabs. L-awtur juri wkoll kif Jacopone hu l-ħolqa li tgħaqqad l-ewwel l-istil tal-poeżija umbrija ma' l-imwar tal-poeżija Danteska. Fil-bidla tal-personalità ta' Jacopone tidher is-setgħa tal-Provvidenza li tmexxi u twassal lil kull bniedem lejn il-qofol ta' ħajtu.

Il-ktieb fih wkoll ħafna siltiet mill-poeżija ta' Jacopone u t-traduzzjoni bil-Malti tagħhom; dan il-qlib għall-Malti għoġobna għax fih ħajja u ġmiel li jħabbtuha ma' l-oriġinal.

G.

**ĠABRA TA' POEŻIJI GĦAT-TFAL** — minn R. Vella Tomlin — Edituri A.C. Aquilina & Co. — paġni 168.

Il-Kommendatur Vella Tomlin, mill-esperjenza tiegħu mat-tfal bħala Surmast Prinċipali f'Birżebbuġa, għaraf aktar minn darba jgħaqqad antoloġiji ta' proża u poeżija li jgħoddu għal idejn it-tfal ta' l-iskejjel primarji. Tidher ħaġa ta' xejn, u sadattant titlob mill-kompilatur sens qawwi ta' proporzjon biex jiżen u jagħżel dak li hu adattat għat-tfal minn dak li hu tqil wisq għalihom. Imma Vella Tomlin għażel għarbiel tajjeb u naqqa b'hekk dak li jgħodd għax-xogħol tiegħu; ir-riżultat kien ġabra ta' poeżiji minn poeti magħrufin u minn poeti oħrajn li għadhom fil-bidu tal-karriera tagħhom, poeżiji li huma tassew adattati għal antoloġija maħsuba għat-tfal. Għoġobna l-ħsieb tal-kompilatur li qassam il-ġabra taħt irjus differenti skond is-suġġett tal-poeżiji, u b'hekk għandna dawn is-sitt taqsimiet: "Fuq Kollox", "Il-Ħolqien", "Art Twelidna", "Tagħlim Bnin", "Twemmin" u "Innijiet". B'dan il-mod, is-surmast jista' jżewwaq u jagħżel għall-iskulari tiegħu l-poeżiji b'ħeffa akbar. Li l-antoloġija tgħodd għal idejn it-tfal jidher mill-fatt li mill-1952, meta ħarġet l-ewwel edizzjoni, saru żewġ ristampi, fl-1961 u fl-1962. Nittamaw minn qalbna li mill-qari tal-versi Maltin titnissel fit-tfal imħabba dejjem akbar għal-letteratura Maltija.

v.a.

# GHAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI

(Imwaqqfa fl-14 ta' Novembru, 1920)

## KUNSILL

(Maħtur fl-1962)

*Presidenti Onorarji:*
Prof. G. Aquilina, B.A., LL.D., Ph.D. (Lond.).
Is-Sur Gino Muscat Azzopardi.
Rev. Mons. Prof. P.P. Saydon, B.Lit., B.L.Can., D.D., Lic. S. Script. (Ruma), D.Lit. (Hon. Causa).

*President:* Kav. Prof. G. Galea, M.B.E., M.D., D.P.H., F.R.S.H.
*Viċi-President:* Dr. A. Cremona, D.Lit (Hon. Causa).
*Segretarju:* Is-Sur G. Zarb Adami.
*Teżorier:* Is-Sur Victor Apap.
*Segretarju Propaganda:* Is-Sur G. Diacono, P.L.
*Membri:* Rev. F. Camilleri; is-Sur G. Chetcuti; is-Sur K. Vassallo; Rev. Patri Prov. Prof. S.S. Zarb, O.P., O.B.E., S.Th.M., S.D.D.(Vat.); Rev. Patri A. Born, O.P.; Is-Sur G. Cardona; Rev. Patri D. Mintoff, O.F.M.; Kav. Ivo Muscat Azzopardi, O.S.J., P.L.

## LISTA TAL-MEMBRI

| Data tad-Dħul | |
|---|---|
| 8. 2.1946 | Agius Dr. Em., M.D., D.P.H., D.Bact. |
| 24.11.1935 | Agius Mario |
| 12. 3.1960 | Agius Muscat Anton |
| 25. 2.1940 | Apap Victor |
| 24.11.1935 | Aquilina Prof. G., B.A., LL.D., Ph.D.(London). |
| 12. 3.1960 | Aquilina Pawlu |
| 22. 6.1952 | Attard Montalto Giuseppina |
| 9. 6.1961 | Azzopardi Louis |
| 3. 4.1944 | Barbara Patri Valentin, O.P. |
| 24.11.1935 | Biancardi Nikol |
| 19.12.1937 | Born Patri Wistin, O.P. |
| 17.10.1926 | Briffa Dr. Rużar, B.Sc., M.D. |
| 5.11.1961 | Busuttil Capt. Edgar D. |
| 8. 2.1946 | Busuttil Capt. J.E. |
| 20. 3.1938 | Buttigieg Dr. Anton, B.A., LL.D. |
| 13. 5.1943 | Camilleri Rev. Frans |
| 14.11.1920 | Caruana Frangisk Saverju |
| 7. 4.1942 | Caruana Carmelo, O.S.J. |
| 9. 6.1961 | Caruana Peter |
| 12. 3.1960 | Cardona Ġużè |
| 8. 8.1941 | Cassar Pullicino Ġużè |
| 8. 8.1941 | Cassola Albert M., O.S.J., F.I.L. |
| 13. 5.1943 | Cauchi Dr. G., LL.D. |
| 14.11.1920 | Cauchi Mons. P. |
| 19.11.1937 | Chetcuti Ġużè |
| 7. 2.1947 | Coleiro Prof. Mons. E., O.B.E., B.A., B.L.Can., D.D., Ph.D.(London). |
| 14.11.1920 | Cremona Antonio, D.Lit. (Hon. Causa) |

| | |
|---|---|
| 24.11.1935 | Delia Patri G., S.J. |
| 19.12.1937 | Diacono Gużè, P.L. |
| 12. 3.1960 | Ellul Galea Carmelo |
| 24.11.1936 | Farrugia Rev. Kapp. Dun Karm, D.D., B.L.Can. |
| 12. 3.1949 | Fenech Patri Karm., S.J. |
| 17.10.1926 | Galea Kav. Prof. G., M.B.E., K.M., M.D., D.P.H., F.R.S.H. |
| 25. 2.1940 | Galea Joseph, B.A., F.S.A. (Scot.) |
| 28. 5.1950 | Galea, Patri Pawl, O.P. |
| 17.10.1926 | Gatt Gużè |
| 8. 8.1941 | Gatt Salvatore |
| 19.11.1946 | Glavina Patri Daniel, S.J. |
| 9. 6.1961 | Guillaumier Alfie |
| 28. 5.1950 | Gulia Wallace, B.A., B.Sc., D.P.A., M.A.(Adm.), LL.D. |
| 19.12.1937 | Kissaun Michael |
| 19.11.1946 | Mallia Gużi |
| 7. 2.1947 | Meilak Patri G., S.J. |
| 16.12.1937 | Meylak Mary |
| 16. 7.1956 | Mifsud Bonnici Robert |
| 20.11.1955 | Mintoff Patri Dijonisju, O.F.M. |
| 14.11.1920 | Muscat Azzopardi Gino |
| 18. 6.1946 | Muscat Azzopardi Kav. Ivo, P.L., O.S.J. |
| 24.11.1935 | Pisani Ġorġ |
| 17.10.1926 | Porsella Flores G. |
| 19.12.1937 | Ransley George, K.M. |
| 24.11.1935 | Rapa Patri Piju, O.P. |
| 8. 8.1941 | Sant. Rev. Dun Karm, B.A., Lic.D., Lic.S. Script., D.D. |
| 18.12.1927 | Saydon Prof. Mons. P.P., B.Lit., BL.Can., D.D., Lic.S. Script., D.Lit. (Hon. Causa) |
| 23. 3.1945 | Scerri Patri Prov. Akkursju, O.F.M., P.E.P. |
| 8. 2.1946 | Serracino-Inglott Erin |
| 17. 2.1952 | Sultana Patri Mattew, O.F.M. Capp. |
| 20. 3.1938 | Tabone Prof. Rev. A., J.C.D. et Th.Mor.Lict.Glis., Jub. |
| 19.12.1937 | Vassallo Karmenu |
| 5.11.1961 | Vella Bondin Joe |
| 7. 7.1942 | Vella Haber Kelinu |
| 9. 2.1958 | Vella Tomlin Comm. Reginald |
| 23. 3.1946 | Zahra Walter |
| 8. 2.1946 | Zammit George, B.A., B.D., LL.D. |
| 13. 7.1943 | Zarb Prof. Patri Serafin, O.P., O.B.E., S.Th.M., S.S.D. |
| 8. 8.1941 | Zarb Adami Godfrey |

## LISTA TAL-MEMBRI KORRISPONDENTI

| | Data tal-ħatra bħala Membri Korrispondenti |
|---|---|
| Abela Rev. Gużè — Awstralja | 19. 6.1955 |
| Bonavia George — Kanada | 14. 3.1949 |
| Calleja Joe, M.B.E. — Stati Uniti | 15. 1.1956 |
| Ellul Chev. Edward — Londra | 10.11.1955 |
| Mikallef Buħaġar Karmen — Londra | 10.11.1955 |
| Ropa Laurant — Franza | 1. 1.1937 |
| Sutcliffe Rev. Edmund, S.J. — | 20.11.1955 |

## KONTRIBUZZJONIJIET TA' POEŻIJI TWAL

NERĠGĦU nitolbu bi ħrara lill-kollaboraturi f'"IL-MALTI" biex ma jibagħtux għall-pubblikazzjoni poeżiji ta' iżjed minn żewġ paġni tul. Waħda mill-poeżiji, f'dan in-Numru, għalkemm stampata b'tipi żgħar għall-ekonomija ta' wisa', ħadet iżjed minn 5 paġni; il-poeżiji f'ġurnal ma jistgħux jinqasmu, bħall-proża, f'żewġ Numri jew iżjed ta' "Il-Malti". Tarġa' r-rivista tagħna hija ta' 32 paġna, u minħabba l-għoli ta' l-stampa, il-paġni jiżdiedu biss f'xi okkażjonijiet eċċezzjonali.

Din id-darba, biex indaħħlu l-lista tal-Membri tal-Kunsill u tal-Membri tal-"Għaqda" kellna nżidu xi paġni, u, b'danakollu, kontra qalbna, kellna nħallu barra, għal darb'oħra, xi reċensjonijiet.